**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Louise Calleja)**

**vs.**

**OMISSIS**

Numru: 31/2007

Illum 6 ta' Lulju 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **OMISSIS** akkuzat talli fir-Rabat (Victoria) Ghawdex u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, f'Settembru 2006 u fix-xhur ta' qabel, b'deversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

(a) B'ghemil zieni kkorrompa lil bintu minuri OMISSIS ta' tlett snin;

(b) Minghajr ordni skont il-ligi tal-Awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta l-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-istess bintu minuri OMISSIS, kontra l-volonta'

taghha sabiex bhala mara jgieghlha taghmel jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;

Il-Qorti giet mitluba illi tapplika l-provedimenti tal-ligi a terminu tal-Artikolu 412C et sequitur tal-Kodici Kriminali u tohrog ordni ta' protezzjoni tenut kont tar-reat adebitati u c-cirkustanzi ta' membru dokestiku;

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 411) datata 19 ta' Gunju 2009 li permezz taghha baghat lill-imputat OMISSIS biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) fl-Artikoli 18, 203, 86, 87, 533 tal-Kodici Kriminali;

Rat illi, waqt l-udjenza tal-24 ta' Gunju 2010 (*a fol.* 425), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fid-19 ta' Gunju 2009, u f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

Rat illi fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2016 il-Qorti tat cans lill-Prosekuzzjoni, *parte civile* u d-difiza sabiex jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub.

Rat illi l-Prosekuzzjoni u l-*parte civile* pprezentaw s-sottomissjoni taghhom bil-miktub fit-30 ta' Gunju 2016.

Rat illi d-difiza pprezentat s-sottomissjoni taghha bil-miktub fl-20 ta' April 2017.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

**Il-fatti specie tal-kaz**

L-incident mertu ta' dan il-kaz sehh waqt li bejn omm OMISSIS, OMISSIS u missier l-istess minuri l-imputat OMISSIS kienu ghaddejjin proceduri ta' separazzjoni. L-allegat incident li wassal ghal dan il-kaz kien sehh meta l-minuri kienet wehidha ma' missierha li kien qed jezercita d-dritt tal-access tieghu mat-tifla skont digriet tal-Qorti. Sa dakinhar l-access ma kienx wiehed supervizjonat, u l-Qorti tal-Familja kienet hatret Social Worker biss sabiex isegwi lil din il-familja in vista tal-fatt li kienet ghaddejja separazzjoni u kien hemm minuri ta' età tenera involuta. L-allegat abbuz sehh f'Marzu tas-sena 2006 meta l-minuri kellha tliet (3) snin. L-imputat tressaq il-Qorti fil-5 ta' Gunju tas-sena 2007 u meta xehdet it-tifla waqt dan il-kaz kellha erba' (4) snin. L-imputat isostni li din il-kawza hija biss pjan minn martu u mill-familja taghha sabiex icahhduh minn bintu ghal ghomru. Isostni li ilu ghaxar (10) snin imcahhad minn bintu, nuqqas ta' missierha fl-izjed zmien importanti ta' hajjitha.

**XHIEDA**

F'dan il-process xehdu 25 xhud:

OMISSIS (a fol. 11 et seq.), OMISSIS (a fol. 29 et seq.), OMISSIS (a fol. 52 et seq.), Denise Borg (a fol. 74 et seq.), Dr. John Xuereb Dingli (a fol. 87 et seq.), Peter Paul Portelli (a fol. 100 et seq.), OMISSIS (a fol. 184 et seq.), OMISSIS (il-minuri) permezz tal-*video conferencing* fejn ix-xhieda taghha giet sospiza - (a fol. 257 et seq.), OMISSIS (a fol. 290 et seq.), OMISSIS (a fol. 300 et seq.), Dr. Roberta Attard (a fol. 312), Dr. John Xuereb Dingli (a fol. 318 et seq.), l-Ispettur Louise Calleja (a fol. 320 et seq.), WPC64

Connie Cauchi (a fol. 337 et seq.), Margaret Abela (a fol. 340 et seq.), Ruth Sciberras (a fol. 343 et seq.), Margaret Abela (a fol. 346 et seq.), OMISSIS (a fol. 353 et seq.), is-Supretendet Paul Caruana (a fol. 377 et seq.), Mireille Vila (a fol. 406 et seq.), Ex-PS498 David Agius (a fol. 415 et seq.), OMISSIS (a fol. 433 et seq.), l-imputat OMISSIS (a fol. 839 et seq.), OMISSIS (a fol. 933 et seq.) u OMISSIS (a fol. 940 et seq.).

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI**

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-kunsiderazzjonijiet taghha rigward l-imputazzjonijiet per se addebitati fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tghaddi biex taghmel numru ta' kunsiderazzjonijiet generali u ohrajn ta' dritt li tqajmu waqt dan il-kaz.

**Preliminari**[1]

Din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jigu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha u li jkunu maghmula mill-prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha.

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire*, l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-procedura ma jistgħux jigu interpretati

[1] Il-Qorti qeghda tibbaza din l-ewwel parti fuq l-ispjega li ta l-kollega l-Magistrat Aaron Bugeja fil-kawza il-**Pulizija vs Joseph Calleja et**. deciza fil-5 ta' Frar 2016

b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jigu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiza ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jingiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew *medium* ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu gew miktuba u prezentati quddiemha mill-Pulizija Ezekuttiva jew skont kif ikunu gew mizjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkuzatur ikun jista' jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irrizulta matul il-kors tal-process penali.

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn certu gurisprudenza fir-rigward tal-procedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' gurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' pregudizzju għall-proceduri penali u għad-drittijiet tad-difiza.

Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull kaz huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mil-Ligi u fil-Ligi. Din il-Qorti ma għandiex is-setgħa, ossia *carte blanche* li tiddeciedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li jidħlilha f'moħħha jew li trid jew li tkun tixtieq tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti ma tistax tieħu post jew tissostitwixxi l-Qorti Civili kompetenti jew tagħti rimedji ta' natura civili li mhumiex previsti mill-Kodici Kriminali bħala li jistgħu jigu emanati minn Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

F'kull kaz pero, stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk quddiemha huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda l-oħra jekk id-difiza tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lil Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabilita' u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Dawn huwa principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Jogħgbuna jew ma jogħgbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-procediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuza li giet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni u tiddeciedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjoni prezentata lilha mill-Prosekuzzjoni.

**Oneru tal-Prosekuzzjoni**

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif ighid il-Manzini fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

> *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali kunflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Graham Charles Ducker**:

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabilita'.

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati l-akkuzi migjuba fil-

konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller vs Minister of Pension** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni '*proof beyond a reasonable doubt.*'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

**Apprezzament tal-provi fl-assjem:**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

**Dewmien ta' procedura**

Il-Qorti tinnota li dan il-kaz imur lura ghal Settembru 2006 u l-proceduri bdew fl-2007, ghaxar snin ilu.

F'dan ix-xenarju ta' dewmien bla bzonn, din il-Qorti ttenni dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza "Il-**Pulizija vs. Anthony Azzopardi**" [4.2.2010] u cioe' li:-

> *"dan id-dilungar zejjed biex jigu decizi kawzi fil-Qrati tal-Magistrati bhala Qrati ta' Gudikatura Kriminali, wara li l-Avukat Generali jkun baghat l-artikoli, qed johloq znaturazzjoni tal-processi kriminali li min-natura taghhom ghandhom jigu decizi kemm jista' jkun malajr kemm fl-interess tal-persuna akkuzata u kif ukoll fl-interess tas-socjeta' li f'isimha tkun qed issir il-prosekuzzjoni. Huma l-gudikanti li jirregolaw it- tempo li bih titmexxa – jew ma titmexxiex - kawza. Din is-sitwazzjoni, li ma tikkoncernax biss din il-kawza, mhix accettabbli u hemm bzonn li tigi korretta b'mizuri legizlattivi li jassikuraw li dawn il-kawzi jigu decizi fi zmien ragjonevoli izda li jkun mandatorju u stabbilit bil-ligi."*

Dwar dan esprimiet ruhha l-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza **Samuel Onyeabor vs. Avukat Generali** deciza nhar it-Tnejn 14 ta' Dicembru 2015:

> *Fil-fatt eżami tal-proċess ta' kumpilazzjoni juri illi d-dewmien kien mhux minħabba l-komplessità tal-każ jew minħabba l-volum ta' xhieda, iżda minħabba l-mod kif il-proċess tmexxa, li juri illi n-nuqqas aktar milli f'parti jew f'oħra qiegħed fis-sistema nnifsu, li ma jħallix li proċess*

*jibda u jintemm iżda jitkarkar: il-ġbir tax-xiehda jsir bin-nifs, seduti jinħlew billi jinstema' biss xhud wieħed għal ftit minuti, seduti oħra jkollhom jitħassru għax lill-Qorti stess jew lill-Prosekuzzjoni jidħlilhom xogħol ieħor aktar urġenti u jitħassru wkoll seduti għal raġunijiet varji. Naturalment, aktar ma l-proċess jieħu fit-tul, aktar tqum il-possibilità li jinqalgħu ostakoli, li jkomplu jwasslu għal aktar dewmien.*

*[…]*

*Ma nistgħux ma ngħidux ukoll, iżda, illi hemm nuqqasijiet ukoll min-naħa tal-operaturi tas-sistema, għax hija l- inerzja li twassal biex l-affarijiet inkomplu nagħmluhom b'dan il- mod "għax dejjem hekk sar", u għalhekk, għalkemm nafu li jsiru ħażin, inkomplu nagħmluhom hekk.*[2]

## Xhieda fil-Qorti u *viva voce*

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bartolo*** tad-9 ta' Settembru 1999[3] il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet li l-Qorti tal-Magistrati bhala qorti ta' prim istanza hija obbligata li tisma' "fil-qorti u *viva voce*" (artikolu 646(1) tal-Kodici Kriminali) ix-xhieda mressqa kemm mill-

[2] Rikors numru 18/2014 TM, Imhallef Giannino Caruana Demajo (Agent President), Imhallfin Noel Cuschieri u Joseph Zammit McKeon.

[3] Ara ukoll, is-sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Helga D'Alessandro*** *(02.09.1999)*, ***Il-Pulizija vs Sebastian Dalli*** *(17.03.2010)*, ***Il-Pulizija vs Carmel sive Charles Ellul Sullivan*** *(17.03.2010)*.

prosekuzzjoni kif ukoll mid-difiza. Dan isir sabiex il-gudikant jaghmel il-valutazzjoni tieghu tal-provi skond l-artikoli 637, 638 u 639 tal-imsemmi Kodici, u, billi japplika l-ligi ghall-fatti kif jirrizultawlu, jiddeciedi dwar il-htija o meno tal-imputat. Wiehed mill-kriterji l-aktar importanti sabiex il-gudikant jasal ghall-konkluzjoni tieghu dwar x'jemmen jew x'ma jemminx minn dak li jghid xhud hu dak ta' "l-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud" (artikolu 637) minn fuq il-pedana tax-xhieda. Biex dan il-kriterju jkun jista' jigi applikat hu evidenti li l-magistrat ghandu jisma' b'widnejh u jara b'ghajnejh lix-xhud jiddeponi. Naturalment il-ligi tipprovdi wkoll ghal certi eccezzjonijiet fejn il-gudikant, anke fil-Qorti tal-Magistrati bhala qorti ta' prim istanza, jista' joqghod fuq deposizzjonijiet migjuba bil-miktub, bhal, per ezempju, fil-kaz ta' certifikati ta' tobba akkumpanjati minn affidavit (artikolu 646(7)). Pero' r-regola hi li l-gudikant tal-prim istanza ghandu jisma' hu x-xhieda biex ikun verament f'posizzjoni li jaghti gudizzju skont il-ligi.

Illi f'dak il-kaz il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet ikkonkludiet li n-nuqqas tal-gudikant li jisma' l-provi quddiem il-Qorti tal-Magistrati jammonta ghal aktar minn semplici nuqqas ta' formalità, sostanzjali jew xort'ohra u li tali nuqqas kien jincidi fuq is-sustanza tal-procedura kollha adoperata mill-Qorti tal-Magistrati.

Il-Qorti m'ghandhiex talba biex tiddikjara l-inammissibilità tax-xiehda ta' OMISSIS jew ta' xi xhud iehor in bazi ghall-fatt li x-xiehda taghhom ma tistax tigi apprezzata skond il-kriterji msemmija fl-artikolu 637 imsemmi.

Is-sentenza ta' *Bartolo* kienet ghamlet rizerva ghas-sitwazzjonijiet kontemplati fil-*proviso* tas-subartikolu (2) tal-artikolu 646 tal-Kodici Kriminali li jinkludi dik meta x-xhud ikun telaq minn Malta. Ghalkemm il-posizzjoni pjuttost akkademika delineata fis-sentenza ta' *Bartolo* ma gietx applikata b'mod rigidu fil-gurisprudenza sussegwenti. Per ezempju, fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Ludgardo sive Richard Attard*** *(01.11.2013)* il-Qorti tal-Appell Kriminali ghamlet distinzjoni bejn bdil fil-Magistrat f'kawzi fejn (i) ma jkunux qed jigu rregistrati x-xhieda u jkun hemm kwistjoni amministrattiva biss; (ii) kawzi fejn ix-xiehda ma tkunx qed tigi irregistrata u jkun hemm punti fattwali; u (iii) kawzi fejn ix-xhieda tkun giet registrata kollha. Il-Qorti osservat li huwa biss f'kawzi li jaqghu taht it-tieni kategorija li l-Qorti tal-Appell Kriminali ghandha tilqa' talba ghat-tahsir tas-sentenza minhabba li l-Qorti ma jkollhiex ghad-disposizzjoni taghha xhieda registrata ta' dak li jkunu ddeponew xhieda li nstemghu minn Magistrat iehor.[4]

L-abbli avukat difensur fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu ghamel referenza ghas-sentenza recenti tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulzija vs John Magro et.*** deciza fis-7 ta' April 2017 li, f'cirkostanzi differenti, iddecidiet il-kawza, *inter alia*, in bazi ghall-fatt li l-imputati ma kienu fl-ebda stadju tal-ewwel istanza ghamlu talba sabiex il-Qorti tal-Magistrati terga' tezamina x-xhieda li f'dak il-kaz kienu nstemghu mill-perit nominat mill-istess Qorti.

---

[4] *Vide* wkoll, *passim*, is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Emanuel Debrincat*** *(30.03.2012)*, u z-zewg sentenzi fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Marco Debono et.*** *(21.06.2013 – app. nri. 253/2012 u 254/2012)*.

**Din il-Qorti m'hijiex f'posizzjoni vantaggjuza bhal Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda, u dan ghaliex hija ma ghexitx il-process kollu tul medda ta' zmien u ghalhekk ma semghetx ix-xhieda jixhdu *viva voce* quddiemha, u ghalhekk mhix f'pozizzjoni li tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom, stante li ma kinitx hi stess li kkonstatat x'interess seta' kellu xi xhud fid-data li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le. Din il-Qorti kif preseduta hadet konjizzjoni ta' dan il-kaz wara l-assenjazzjoni tat-30 ta' Gunju 2015. Ma semghet l-ebda xhud hi u kellha toqghod biss fuq it-traskrizzjoni tax-xhieda u d-dokumenti esebiti u z-zewg noti ta' sottomissjonijiet b'kollox elf u erbgha u tletin (1034) pagna.**

Il-Qorti kif presjeduta ma hijiex f'posizzjoni tevalwa x-xiehda taghha skont il-kriterji msemmija fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u se tevalwa tali xiehda b'kawtela u attenzjoni kbira.

### Il-*Hearsay Rule*

Li l-artikoli relevanti dwar il-*Hearsay* Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 rezi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.

> *598. (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li gie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jingieb biex jagħti xiehda fuq dawk il-fatti.*
>
> *(2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppozizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tichad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bħal dawk.*

*(3) Izda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk il-mistoqsijiet.*

Meta xiehda fuq kliem ħaddieħor hija ammessa.

*599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jistax jingieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jigu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, taż-żwieg, tal-mewt, tal-assenza, ta' servitu', ta' rjieħ ta' immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' grajjiet storiċi pubbliċi, ta' reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l- falz, u ta' fatti oħra ta' interess generali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.'*

Il-każ li mhux l-ewwel darba li gie ċitat b'approvazzjoni dwar il-*hearsay rule* f'kawżi ta' natura kriminali huwa **Subramaniam v. Public Prosecutor** fejn insibu dan il-kliem:

*'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant*

*in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'*

Jekk wieħed jimxi mal-principji ta' dan il-kaz allura certi persuni li magħhom tkun tkellmet l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per ezempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-genituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma).

Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qalet hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qalet hekk, izda mhux li dak li qed tghid l-allegat vittma huwa tassew minnu.

Jekk wieħed jezamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-*hearsay rule* fil-Ligi tagħna mhix daqshekk assoluta. U fil-fatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeciedi l-kaz '**Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija**' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellu jixhed il-Prokuratur Legali.

F'dak li huma decizjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-*hearsay rule* (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-1 t'April 2011 'Il-**Pulizija versus Fabio Schembri'** preseduta mil-Prim Imħallef Dr. Silvio Camilleri qalet hekk:

*"Fil-limitu tal-uzu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma*

*hix prova tal-kontenut ta' dak li jigi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fic-cirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi cirkostanza li meħuda ma' provi u cirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi** moghtija fit-28 ta' Gunju 2012 spjegat fit-tul fuq din it-tema waqt li kienet qeghda tiddeciedi eccezzjonijiet preliminari:

**"18. … fid-dawl tal-fatt li fost il-provi tal-prosekuzzjoni hemm xhieda diretti tal-fatti in kawża allegati (fosthom il-minuri allegatament vittmi tar-reati dedotti fl-att tal-akkuża), din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura dwar il-mod kif l-ewwel Qorti esprimiet ruħha dwar ir-regola tal-*hearsay evidence* li ġiet minnha spjegata tajjeb. Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi *hearsay evidence* iżda jekk dak rapportat hux *hearsay evidence* jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun *hearsay evidence* u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx *hearsay evidence* u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu**

ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra. Huma għal dawn ir-raġunijiet, kif tajjeb spjegat l-ewwel Qorti, li din it-tip ta' xiehda ma tistax tiġi eskluża *a priori* iżda d-deċiżjoni dwar l-opportunita` o meno li titħalla tingħata dik ix-xiehda u titqiegħed quddiem il-ġurija trid neċessarjament tiġi rimessa lill-Imħallef togat li jippresjedi l-ġuri li jkun tenut jagħti d-deċiżjoni tiegħu skont iċ-cirkostanzi li fihom jiżvolġi l-ġuri u skont l-esiġenzi evidenzjarji u proċedurali tal-proċess.

"19. Hekk, jekk tiġi messa in dubbju l-kredibilita` jew il-veridiċita` ta' xhud, speċjalment jekk dak ix-xhud ikun persuna minuri, il-prosekuzzjoni ma tistax legalment tiġi mċaħħda mill-possibilita` li tikkorrobora dik ix-xiehda bil-mezzi li tagħtiha l-liġi, inkluż it-tip ta' xiehda li ssemmiet hawn. Daqstant ukoll jekk tinqala' xi kwistjoni dwar jekk ix-xhud ikunx qiegħed jiftakar sew dak li jkun qiegħed jixhed dwaru jista' jkun meħtieġ li jiġi eżerċitat kontroll ta' dik ix-xiehda bil-mezz tax-xiehda ta' ħaddieħor dwar dak li jkun qallu l-istess xhud fiż-żmien relevanti. F'dawn l-eventwalitajiet, kif ingħad mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, ikun mistenni li l-ewwel Qorti tispjega lill-ġurija l-portata u l-limiti tal-valur tax-xiehda ta' persuna li tixhed dwar x'qal ħaddieħor. Naturalment, hu ugwalment mistenni li l-ewwel Qorti ma tammettix ix-xiehda fuq kliem ħaddieħor jekk mhux unikament għall-għanijiet u fil-limiti permessi mil-liġi kif gia` spjegat. Mill-mod kif ippronunzjat ruħha l-

ewwel Qorti dwar dawn l-eċċezzjonijiet din il-Qorti ma għandhiex raġuni taħseb li l-ewwel Qorti ma hix ser tikkonforma ruħha ma' dak li hi stess stabbiliet li hi l-pożizzjoni legalment korretta dwar xiehda ta' kliem ħaddieħor, liema pożizzjoni qed tiġi wkoll konfermata f'din is-sentenza.

"20. Mill-mod kif ġie spjegat l-aggravju tal-akkużat appellant f'dan ir-rigward jidher li l-akkużat hu konsapevoli tal-pożizzjoni legali dwar il-*hearsay* kif spjegata kostantement mill-Qrati tagħna u li din hi fis-sens kif spjegat mill-ewwel Qorti iżda dak li jidher qiegħed iħasseb lill-akkużat appellant hu l-abbuż li jista' jsir mir-regola msemmija dwar il-*hearsay* peress li dak li jkun qal ħaddieħor jista' jiġi malizzjożament użat sabiex minflok biex jikkontrolla dak li jkun xehed ħaddieħor jew sabiex jikkorrobora provi diretti oħra jintuża sabiex effettivament jissostitwixxi dik ix-xiehda ta' ħaddieħor jew dawk il-provi diretti l-oħra.

"21. Iżda huwa proprju għalhekk li l-proċess tal-ġuri huwa presedut mill-Imħallef togat sabiex dan jassigura li tali abbuż ma jsirx. L-abbuż hu possibbli għar-rigward ta' kull regola legali tal-evidenza iżda dan ma jfissirx li minħabba tali possibilita` ta' abbuż dik ir-regola għandha tiġi skartata. Ir-rimedju hu dak li pprovdiet il-liġi u ċioe` li l-Imħallef li jkun jippresjedi l-ġuri ma jħallix l-abbuż jiġri suġġett dejjem għas-salvagward aħħari tad-dritt tal-appell tal-akkużat fl-

**eventwalita` li l-Imħallef jonqos milli jeżerċita sew is-setgħat tiegħu skont il-liġi."**

Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs John Borg** fis-16 ta' Jannar 2013 intqal:

**"Ma taqbilx ma' dak li qalet l-ewwel Qorti f'dan il-kaz li x-xhieda huma ammissibbli ghax jistghu jkunu l-lehen tal-istess allegata vittma fejn din wahedha ma tistax titkellem. Huma ammissibbli ghas-semplici raguni, fid-dawl ta' dak li ntqal, li l-fatt li hafna mix-xhieda xehdu dwar dak li qaltilhom l-allegata vittma jew min minnhom, ma jrendihomx xhieda inammissibbli. Sta ghall-Imhallef togat waqt il-guri biex jara illi ma jsirx abbuz fit-termini tas-sentenza precitata billi jikkontrolla x-xhieda u jispjega lill-gurati r-regoli tal-*hearsay* kif indikat f'dik is-sentenza .... Kwantu ghal xi opinjonijiet espressi minn min ma kienx mahtur bhala espert mill-Qorti, jekk ikun necessarju, waqt is-smigh tal-guri, l-Imhallef Sedenti jista` jwissi jew iwaqqaf lix-xhud jekk jara li dan ser jesprimi xi opinjonijiet."**

Il-Qorti tirrileva wkoll dak li kien sostnut fid-decizjoni moghtija mill-Qorti Suprema tal-Istati Uniti tal-Amerika fid-decizjoni **Idaho vs Wright**[5].

[5] 110 S. Ct. 3139 (1990)

*Idaho v. Wright provides an example of an abuse allegation that surfaced only after the child had been questioned by a professional (in this case, a paediatrician). The original statement about sexual abuse had come from Wright's older daughter who said that the younger child had been abused. The paediatrician interviewed the younger child after she had been taken from her home and had spent the previous night in police custody. After being asked a series of highly leading questions, the child's only statements about abuse was one "yes" answer and an ambiguous statement concerning abuse. At trial, the paediatrician stated that "[s]he would not elucidate.., what kind of touching was taking place, or how it was happening." This is obviously not a situation in which a child has spontaneously told a story of having been abused. Therefore, the trial court made a grave error in admitting the testimony without first determining if the paediatrician conducted the interview in a way that was not unduly suggestive. Because of that error, the Supreme Court over-ruled the trial verdict*[6].

Il-Qorti fliet ix-xhieda ta' kull xhud li xehed f'dawn il-proceduri u rrefera x'qaltilha jew qaltlu l-minuri, il-kuntest fejn u kif dan intqal u zammet quddiem ghajnejja r-regoli stabiliti dwar il-hearsay evidence li saret referenza ghalihom aktar 'il fuq. Ix-xhieda huma: OMISSIS (a fol. 11 et seq.), OMISSIS (a fol. 29 et seq.), OMISSIS (a fol. 52 et seq.), Denise Borg (a fol. 74 et seq.), Dr. John Xuereb Dingli (a fol. 87 et seq.), Peter Paul Portelli (a fol. 100 et seq.), OMISSIS (a fol. 184 et seq.), OMISSIS (a fol. 290 et seq.), OMISSIS (a fol. 300 et seq.), Dr. John Xuereb Dingli (a

[6] Younts Diana, **Evaluating and Admitting Expert Opinion Testimony in Child Sexual Abuse Prosecutions**, Duke Law Journal, Vol 41:691

fol. 318 et seq.), Margaret Abela (a fol. 340 et seq.), Ruth Sciberras (a fol. 343 et seq.), Margaret Abela (a fol. 346 et seq.), OMISSIS (a fol. 353 et seq.), Mireille Vila (a fol. 406 et seq.), OMISSIS (a fol. 433 et seq.), l-imputat OMISSIS (a fol. 839 et seq.), OMISSIS (a fol. 933 et seq.) u OMISSIS (a fol. 940 et seq.).

Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Ir-**Repubblika ta' Malta vs Angelo Bilocca** deciza fl-4 ta' Frar 2016 fejn intqal li ilu ben stabbilit li mhux kull relazzjoni ta' x'qal haddiehor tikkostitwixxi *hearsay evidence* izda jekk dak rapportat hux *hearsay evidence* jew le jiddependi mill-uzu li wiehed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jigi prezentat bhala prova tal-kontenut tieghu allura dak ikun *hearsay evidence* u bhala tali inammissibbli izda jekk dak rakkontat jigi prezentat mhux bhala prova tal-kontenut tieghu izda bhala prova li dak li ntqal verament intqal fic-cirkostanzi ta' data, post u hin li fihom intqal allura dan ma jkunx *hearsay evidence* u huwa ammissibbli ghal certi ghanijiet legali legittimi bhal sabiex tigi kontrollata x-xhieda diretta tax-xhud li l-kliem tieghu jkun qieghed jigi rapportat jew, fic-cirkostanzi idoneji, anki sabiex tigi korroborata xhieda diretta ohra.

**Allegazzjonijiet waqt proceduri ta' separazzjoni**

Il-Qorti trid toqghod aktar attenta meta tigi biex tiddeciedi meta l-allegazzjonijiet ikunu saru f'perjodu fejn ikunu ghaddejjin proceduri ta' separazzjoni kif kien dan il-kaz.

*"Illi meta l-isfond ta' storja dwar abbuz fuq minuri ikun is-separazzjoni kombatuta bejn il-genituri, il-Qorti trid dejjem timxi b'mod kawt billi mhuwiex inawdit illi xi genitur jallega illi l-minuri ikun qed jigi abbuzat f'xi forma jew ohra mill-genitur l-iehor u dan jew biex jikseb xi vantagg fil-proceduri tas-separazzjoni jew inkella ghaliex genwinament ikun hemm il-biza li ikun qed isehh dan l-abbuz gjaldarba l-konjugi l-iehor ikun ittradixxa l-fiducja ta' dik il-persuna billi kien il-kagun ta' dik il-firda personali. Issa l-Qorti madanakollu ma tistax timxi b'kongetturi u supposizzjonijiet fil-kamp penali, izda biss b'fatti ippruvati u xejn iktar."*[7]

Lord Nicholls of Birkenhead qal:

*'The balance of probability standard means that the court is satisfied an event occurred if the court considers that, on the evidence, the occurrence of the event was more likely than not. When assessing the probabilities the court will have in mind as a factor, to whatever extent is appropriate in the particular case, that the more serious the allegation the less likely it is that the event occurred and, hence, the stronger should be the evidence before the court concludes that the allegation is established on the balance of probability. Fraud is usually less likely than negligence. Deliberate physical injury is usually less likely than accidental physical injury. A stepfather is usually less likely to have repeatedly raped and had non-consensual oral sex with his under age stepdaughter than on some occasion to have lost his temper and slapped*

[7] Appell Nru: 219/2015 - Il-Pulizja vs Alessandro Debono tat-26 ta' Jannar, 2017 deciz mill-Imhallef Edwina Grima

*her. Built into the preponderance of probability standard is a generous degree of flexibility in respect of the seriousness of the allegation…"*[8]

Thomas J fil-kaz **In re Dellow's Will Trusts** [1964] 1 WLR 451,455 sostna li:

*'The more serious the allegation the more cogent is the evidence required to overcome the unlikelihood of what is alleged and thus to prove it.'*

**Abbuzi Sesswali fuq it-tfal**

L-organizzazzjoni Ingliza li tohloq kuxjenza favur il-harsien tat-tfal ***Kidscape*** taghti linja gwida fejn wiehed jista' jissuspetta li tfal ikunu abbuzati.

***<u>When should you suspect a child is being abused?</u>***

*There are many different signs of possible child abuse and these include:*

- *Bruises or burns in unusual places.*
- *Changes in the behaviour of a child such as being aggressive or very withdrawn.*

[8] F'**Re H and R (Minors)**: HL 14 Dec 1995 fejn trattat *Child Sexual Abuse: Standard of Proof.*

*•Unexplained changes in their emotions such as being depressed or anxious.*

*•Looking as though they are not being properly looked after, such as being unusually dirty, smelly or hungry.*

*•Having sexual knowledge or behaviour that is not appropriate for their age.*

*•Being afraid of a particular adult or reluctant to be alone with them.*

***Physical abuse***

*When the child is physically harmed, such as hitting, shaking, throwing, poisoning, burning or scalding, drowning or suffocating.*

***Sexual abuse***

*Sexual abuse involves forcing or encouraging the child or young person to take part in sexual activities, including prostitution, whether or not the child is aware of what is happening. This may include sexual contact or non-contact activities, such as involving children in looking at, or in the making of, sexual images, watching sexual activities, or encouraging a child to behave in sexually inappropriate ways*[9]*.*

**Ix-xhieda tat-tfal**

Il-Qorti se taghmel referenza ghal dak li jipprovdi l-**Archbold** dwar ix-xhieda tat-tfal quddiem il-Qrati. Dan mhux ghaliex jorbot lil din il-Qorti

[9] https://www.kidscape.org.uk/professionals/childabuse.shtml

b'dak prattikat band'ohra imma zgur l-gherf ta' gudikanti tul medda ta' zmien iservi ta' ispirazzjoni ghal min ikun qieghed jiddeciedi sintendi bir-regoli li japplikaw ghall-pajjizna skont il-ligijiet taghna:

> All persons of whatever age are competent to give evidence: s.53(1), *ante*. The evidence of a child will be received unless it appears to the court that the child is incapable of giving intelligible testimony; that is evidence which is capable of being understood: *Hampshire* [1996] Q.B. 1. The procedure of determining intelligible testimony is the same for children as for adults: s.55. The issue of competence should be dealt with as early as possible, not as an act of "ratification" after the evidence has been given. It is not an issue to be resolved in response to an adversarial examination and cross-examination but is a matter for the court to decide having heard the child in person. In *G. v. DPP*[1998] Q.B. 919 it was held that the test is within the competence of the court and there is no need for expert evidence unless there are special circumstances, *e.g.* where a child is mentally handicapped. *R. v. MacPherson* [2006] 1 Cr.App.R. 30 reviewed the position of child witnesses. If a child can only understand and communicate in a way only his parent can understand, he may not be competent as a witness but if a child can understand questions put to him in simple English, and is able to give answers the court can understand, he should be allowed to give evidence. This was taken further in *R. v. Barker*[2010] EWCA Crim. 4, where, in the case of a four-year-old child deemed to be competent, the Court of Appeal held that whenever the competency question is addressed, what is required is not the exercise of a discretion but the making of a judgement of whether the witness fulfils the statutory criteria.
>
> The approach must be child-specific: (i) although the chronological age of the child will inevitably help to inform the judicial decision, in the end it is a decision about the individual child and his competence to give evidence in the particular trial; (ii) although due allowance must be made in the trial

process for the fact that the witness is a child, none of the characteristics of childhood and none of the special measures which apply to a child's evidence carry with them the implicit stigma that children should be deemed in advance to be somehow less reliable than adults; (iii) at the stage when the question of competency is determined the court is not deciding whether a witness will or will not tell the truth or give accurate evidence. Provided the witness is competent, the weight to be attached to the evidence is for the court to decide having heard the evidence; (iv) the competency test is not failed because the forensic techniques of the advocate or the process of the court have to be adapted to enable the child to give the best evidence of which he is capable; (v) comment on the evidence including comment which may bear unfavourably on the credibility of the child, should be addressed after the child has finished giving evidence. Generally speaking it is the legal adviser who will talk to the child, ask if he knows why he is there and from simple questions find out whether he understands what telling the truth means.

The fact that a child under 10 years of age cannot be prosecuted for the offence of wilfully giving false evidence contrary to the *Youth Justice and Criminal Evidence Act* 1999, s.57 is not a reason for excluding the unsworn evidence of a competent child: *N.*, 95 Cr.App.R. 256. It is essential that a very young child is interviewed as soon as possible after the event complained of and that the trial takes place very soon thereafter: *P.* [2006] EWCA Crim. 3. The evidence of a child witness may be contaminated where the child says that his mother told him what to say: *C.* [2006] 1 W.L.R. 2994. Where there is a video interview it is appropriate for a court to take the view that the child is competent and allow evidence in chief and cross-examination to take place and then revisit the question of competence: *R. v. MacPherson*, *ante*; *R. v. Powell* [2006] 1 Cr.App.R. 31. The court must be aware, in the case of a very young child, that there is a risk that, because of age, recollection may not be accurate when a long period of

time has elapsed between the alleged commission of the offence and the trial: *R. v. Malicki* [2009] EWCA Crim. 365.

The case of *Barker*, *ante* concluded that the decisions in *Powell* and *Malicki*, *ante* should not be understood to establish as a matter of principle that where the complainant is a young child, delay which does not constitute an abuse of process within well-understood principles, can give rise to some special form of defence, or that, if it does not, a submission based on "unfairness" under section 78 of the *Police and Criminal Evidence Act* 1984 is bound to succeed, or that there is some kind of unspecified limitation period.

The cases of *Powell* and *Malicki* were also distinguished in *R. v. B* [2010] EWCA Crim. 4, where the Court of Appeal dealt with both the question of competence of child witnesses and the application of s.78 in this context. Section 53 of the *Youth Justice and Criminal Evidence Act* 1999 required a significant shift in the manner in which the evidence of child witnesses was to be treated. The starting point is that the evidence of a child is on a level of equality with any other witness. There is no implicit stigma such that children should be deemed in advance to be less reliable than adults. The question of the reliability of evidence given by a competent witness is a matter for the trial process in the usual way. The test of competence is whether the child is competent to give evidence in the particular trial. That question is entirely child-specific. There are no presumptions or preconceptions. The child need not understand the special importance that the truth should be told in court or understand every single question or give a readily understood answer to every question. Provided that the child could understand the questions put to him or her by the prosecution and defence and provide understandable answers, the child was competent. The test was not a matter of discretion for the judge but a judgement as to whether the child fulfilled the statutory criteria. The judge

could, however, revisit the competency test at the conclusion of the child's evidence. That extra-statutory jurisdiction is to ensure a fair trial. If the original decision had proved to be wrong the evidence could be reasonably be excluded under section 78 of the 1984 Act.

Just as there is a difference between competence and reliability there is also a difference between competence and communication skills. In *Watts* [2010] EWCA Crim. 1824, Mackay J. commented that the intention which emerged from the 1999 Act was that those who were competent to give evidence should be assisted to do so. The Act contemplated circumstances where a witness who satisfied the statutory test as to competence might nevertheless lack sufficient communication skills to give evidence without the use of an intermediary.

Where, exceptionally, a child witness is a ward of court, the leave of the court which made the wardship order must be sought before the child gives evidence. See CPD 28A.2. A police interview of a child subject to current family court procedures will also require leave of that court but only if such interview may lead to a child disclosing information confidential to those proceedings.

Significant delay between the commission of an offence and the trial of it may render a very young witness unable to give evidence if the passage of time has affected the ability of the child to give intelligible answers to questions about the offence. *MH* [2013] Crim.L.R. 849, CA. The child in this case was three years old.[10]

## **L-artikoli 629 u 630 tal-Kodici Kriminali**

[10] Pg 539 - 541: para 9-21 **Archbold Magistrates' Criminal Court Practice 2017**

Il-prosekuzzjoni u l-parte civile, fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, jaghmlu accenn ghall-artikolu 630 tal-Kodici Kriminali u ghal dak li jghid il-Majno dwar l-età tal-minorenni li tkun tat ix-xiehda taghha. Id-difiza ssostni li l-kontenut tal-artikolu 629 tal-istess Kodici, partikolarment is-subinciz (2) tieghu, sfugga l-attenzjoni tal-prosekuzzjoni u l-parte civile.

L-artikolu 629 tal-Kodici Kriminali jghid hekk:

> *"(1) Kull min hu f'sensieh jista' jingieb bhala xhud, jekk ma jkunx hemm xi eccezzjoni kontra l-kompetenza tieghu.*
>
> *"(2) Il-qorti tfisser lix-xhud l-importanza tal-gurament, meta jkollha dubju jekk ix-xhud, minhabba l-età jew ghal xi ragunijiet ohra, jafx b'dik l-importanza; u jekk, ghalkemm taghmillu dan it-tifsir, il-qorti jkun jidhrilha mehtieg illi x-xhud, qabel ma jixhed, ghandu jigi mgharraf ahjar fuq il-konsegwenzi ta' xiehda falza, hija tista', jekk fil-fehma taghha x-xiehda ta' dak ix-xhud tkun importanti ghall-finijiet tal-gustizzja, thalli l-kawza ghal gurnata ohra, u, jekk dan il-kaz jigri fil-Qorti Kriminali, tholl il-guri."*

L-artikolu 630 tal-Kodici Kriminali jghid hekk:

> *"Hadd ma jista' jigi eskluz milli jixhed minhabba li ma jkollux xi età partikulari; hu bizzejjed illi l-qorti tkun sodisfatta illi x-xhud, ghalkemm mhux tal-età, jaf illi hija haga hazina li wiehed jixhed il-falz."*

Il-gurist Taljan Majno li, fil-*Commento al Codice Penale Italiano, Parte Seconda*, (Torino, 3° ed., 1913), jghid hekk:

> *"Non è poi necessario che la corruzione sia immediata: la tenera età della persona con cui furono compiuti gli atti di libidine non esclude il reato, se il ricordo di tali atti è pur sempre idoneo all'effetto della corruzione."* (para. 1476, p. 220)

Il-Qorti tqis dak li jghid il-Majno bhala validu, izda ghall-finijiet tal-ligi taghna jrid l-ewwel jigi stabbilit jekk ix-xhud *de quo* huwiex wiehed kompetenti.

Il-Qorti se taghmel referenza ghal gurisprudenza dwar dan:

Il-Qorti Kriminali fid-decizjoni fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Giuzeppi Bonnici*** *(28.03.1949 – Kollez. XXXIII.iv.850)* gie ribadit, kwazi kelma b'kelma, dak li tghid il-ligi f'dan ir-rigward:

> *"Skond il-Ligi Maltija (art. 626 Kap. 12 [illum art. 630 Kap. 9]), hadd ma jista' jigi eskluz milli jaghti x-xhieda tieghu minhabba li ma jkollux xi età partikulari. Izda, tkompli tghid il-Ligi ta' Malta, hemm bzonn li l-Qorti tkun sodisfatta illi x-xhud, ghalkemm mhux ta' l-età, jaf illi hija haga hazina li wiehed jixhed il-falz. Minbarra dan, hu wkoll ligi (art. 625 [illum 629] illi meta l-Qorti, minhabba l-età tax-xhud, ikollha dubju jekk hu jifhemx l-importanza tal-gurament, anki wara t-tifsir tal-Qorti, u jkun jidhrilha mehtieg illi x-xhud, qabel ma jixhed, ghandu jigi*

*nfurmat ahjar dwar il-konsegwenzi ta' xhieda falza, hija tista', jekk fil-fehma taghha x-xhieda ta' dak ix-xhud hija rilevanti, thalli l-kawza ghal gurnata ohra;"*

Fis-sentenza fl-ismijiet ***La Polizia vs Bartolomeo Mula ed.*** *(22.02.1892 – Kollez. XIII.114)*, fejn l-ewwel Qorti kienet cahdet talba tal-appellanti sabiex jigi prodott xhud minorenni, il-Qorti Kriminali kienet qalet hekk:

"Che la ragione per cui la produzione di G. M., fanciullo di nove anni, come testimonio, fu dalla Corte suddetta impedita, – quella cioè di essere, per la tenerezza della sua età, ignaro della importanza del giuramento, non era soddisfaciente. Secondo la legge (Art. 538 [illum 629], LL. Criminali), la Corte stessa deve informare il testimonio della importanza del giuramento, quando essa dubita che quel testimonio, per ragione di età, o di altre cause, manchi di tali cognizioni, e, se, non ostante tale informazione, la Corte creda necessario che il testimonio, prima di deporre, sia meglio istruito sulle conseguenze di una falsa testimonianza, essa ritenendo essere la deposizione necessaria pei fini della giustizia, può rimandare il giudizio ad un altro giorno."[11]

L-awtur Giuseppe Cremona, fil-ktieb tieghu *Raccolta della Giurisprudenza sul Codice Penale* (1935, p. 694), jaghmel referenza ghal decizjoni ohra, mhux pubblikata, tal-Qorti Kriminali:

[11] *Vide*, anke, *Raccolta della Giurisprudenza sul Codice Penale*, Giuseppe Cremona, 1935, p. 693.

"Avendo il teste E. G. dell'età appena di 7 anni, mostrato di non conoscere essere malvagità il testificare falsamente la Corte lo ha licenziato come incompetente (C. Crim. *Giudice Dr. Paolo Debono*, 15 marzo 1899, *Regina c. Paolo Micallef, …*)."

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Giuzeppi Bonnici***, *supra*, fejn l-ewwel Qorti kienet semghet xhud minorenni minghajr gurament, il-Qorti Kriminali kienet qalet hekk:

*"Ghalhekk, skond il-ligi ta' Malta, il-Magistrat ma kienx korrett meta sama' lil D. B., tifla ta' erba' snin, bla gurament, u bla ma ta kaz tad-disposizzjonijiet l-ohra tal-ligi fuq imsemmija [illum artikoli 629 u 630 tal-Kodici Kriminali]; u ma setax, "rebus sic stantibus", jaghmel assenjament fuq id-dikjarazzjoni taghha, kif ghamel fis-sentenza appellata. Il-Ligi Maltija timxi fuq il-principju hekk enuncjat mit-Taylor [On Evidence]: "The law places no reliance on testimony not given on oath or affirmation. Consequently, in general, no person, whatever… his… age… can give testimony upon any trial, civil or criminal, until he has, in the form prescribed by law, given an outward pledge that he considers himself responsible for the truth of what he is about to narrate, and rendered himself liable to the temporal penalties of perjury in the event of his wilfully and corruptly giving false testimony";*

*"Il-Magistrat seta', skond il-ligi, jezamina jekk it-tifla D. B. kienitx tista' tifhem l-importanza tal-gurament u, jekk mhux sodisfatt, jillicenzjaha bhala xhud inkompetenti. Hekk ghamel l-Imhallef Paolo*

*Debono fil-jury ta' Paolo Micallef fil-15 ta' Marzu 1899, meta l-Prosekuzzjoni ressqet ix-xhud E. G., tifla ta' seba' snin. Infatti hemm dan il-verbal:- "La Corte, essendo la teste E. G. dell'età appena di sette anni, e avendo mostrato di non conoscere essere malvagità il testificare falsamente, licenziò la detta E. G. come incompetente". Il-Magistrat ma setax, però, jismaghha bla gurament, kif lanqas seta' ma jezaminax jekk hi kienitx tifhem x'inhi xhieda u x'inhi l-importanza tal-gurament, biex jara jammettihiex jew le bhala xhud;"*

Il-kwistjoni tal-età tax-xhud, fuq l-iskorta tat-test tal-ligi u l-gurisprudenza citata, giet indirizzata minn Sir Anthony Mamo fin-*Notes on Criminal Procedure* (pp. 106-107) b'dan il-mod:

*"The essential condition [dwar il-kompetenza tax-xhud] is that the person shall be of sound mind at the time of being tendered as a witness. If this condition is satisfied, the want of any particular age is not a reason for excluding competence, it being sufficient that the court be satisfied that the witness, though of young age, understands that it is wrong to give false testimony …. Competency thus depends not on the precise age but upon the actual intellegence of the witness.*

*"Our law still makes it essential, however, to the competency of every witness that he should know and accept the obligation of an oath and that he shall in fact be sworn. The principle upon which our law still proceeds is that 'it places no reliance on testimony not given on oath. Consequently no person whatever his age can give testimony upon any trial, civil or criminal, until he has, in the form prescribed by law, given*

*an outward pledge that he considers himself responsible for the truth of what he is about to narrate, and renders himself liable to the temporal penalties of perjury in the event of his wilfully and corruptly giving false evidence' ….*

*"If on account of his age or for other reasons it appears doubtful whether a person tendered as a witness understands the obligation of the oath, the court explains this to the witness; and if, notwithstanding such explanation the court shall deem it necessary that the witness, before giving evidence, be further instructed as to the consequence of the false testimony, the court may, if it considers the evidence of such witness to be important for the ends of justice, adjourn the trial to another day and, should the case be before the criminal court, discharge the jury.*

*"If the court is not satisfied that the proposed witness can understand the obligation of the oath (nor that he can be instructed as aforesaid) the court is bound to reject that witness as incompetent. It cannot hear him without oath (…).*

…

*"Regarding children of tender age the position in England is now, that though he has as yet not learnt the nature of an oath, he may, in criminal cases, give evidence unsworn, if he is of sufficient intellegence and 'understands the duty of speaking the truth'. But the accused is*

*not to be convicted on such evidence unless it is corroborated by material evidence which implicates him.*[12]"

Jekk wiehed jezamina dak li tghid il-ligi fl-imsemmija artikoli 629 u 630 tal-Kodici Kriminali, dak li tghid il-gurisprudenza u dak li jghid Sir Anthony Mamo fir-rigward ta' dawn id-disposizzjonijiet u anke dak li jghid il-gurist Taljan Luigi Majno citat mill-prosekuzzjoni, jista' jigi facilment dedott li ghalkemm ir-regola generali hi li l-età tax-xhud ma hijiex ta' ostakolu ghall-kompetenza tieghu, sabiex ix-xhieda ta' dak ix-xhud tkun tista' tittiehed in kunsiderazzjoni mill-Qorti, in kwantu moghtija minn xhud kompetenti, certi kundizzjonijiet fundamentali jridu necessarjament jirrizultaw.

Dawn huma:

1. Il-Qorti trid tkun sodisfatta li nonostante l-età tax-xhud, huwa jifhem li huwa skorrett li tinghata xhieda falza;

2. Ix-xhud ghandu jifhem u jaccetta l-obbligazzjoni tal-gurament. Fl-eventwalità li l-Qorti ma tkunx konvinta li x-xhud qieghed jifhem din l-obligazzjoni u l-Qorti thoss li x-xhieda tax-xhud hija importanti, ghandha tiddifferixxi l-kawza ghal gurnata ohra;

---

[12] Fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Giuzeppi Bonnici***, *supra*, il-Qorti Kriminali kienet qalet minghajr mezzi termini, wara li ghamlet referenza ghall-posizzjoni fl-Ingilterra, li "[f]il-ligi Maltija dan il-poter ma jezistix".

3. Ix-xhud ghandu jinghata l-gurament u ma tista' tinghata ebda kunsiderazzjoni ghal xhieda moghtija minghajr gurament;

4. F'kazijiet tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni, fejn l-età tax-xhud hija tenera, irid jigi ppruvat mill-prosekuzzjoni li l-memorja tal-att kommess hija idoneja ghall-korruzzjoni effettiva.

**<u>Xhud principali ma setghetx tigi kontrollata mid-Difiza</u>**

Id-difiza tissottometti li x-xhieda ta' OMISSIS ghandha tigi ddikjarata bhala inammissibbli ghaliex qatt ma setghet tigi kontrollata u ghalhekk ghandha tigi kompletament skartata.

Din il-Qorti thoss li l-procedura adoperata mill-prosekuzzjoni kienet legalment skorretta. Dan qed jinghad mhux biss ghaliex id-difiza giet prekluza milli tikkontrolla lix-xhud permezz tal-kontro-ezami, izda anke ghaliex meta wiehed jara l-artikolu 90 tal-**Att dwar il-Pulizija** (Kap. 164 tal-Ligijiet ta' Malta) abbinat mat-tieni *proviso* tas-subinciz (2) tal-artikolu 646 tal-Kodici Kriminali jirrizulta li, ghaliex kienet minuri taht is-sittax-il sena, OMISSIS ma setghetx terga' tingieb tixhed "*kemm-il darba l-Qorti ma tordnax li jsir xorta'ohra ghal xi raguni li torigina wara d-data li l-minuri jkun ta x-xiehda tieghu u l-Qorti tqis li dan ikun fl-interess ta' l-amministrazzjoni tal-gustizzja u l-kxif tas-sewwa*". Dan ifisser li t-test biex minuri taht is-sittax-il sena jerga' jingieb jixhed huwa doppju. Issa filwaqt li ma hemmx dubju li fil-kaz in ezami t-tieni test huwa sodisfatt,

l-ewwel test, u cioè li jrid ikun hemm raguni li torigina wara d-data li l-minuri jkun ta x-xiehda tieghu ma jidhirx li huwa applikabbli ghall-kaz. Fi kwalunkwe kaz, minhabba l-procedura zbaljata adoperata mill-prosekuzzjoni wasslet biex tipprekludi lid-difiza milli taghmel il-kontro-ezami.

Sfortunatament dan qatt ma seta' jsir minhabba li x-xhud, flimkien ma' ommha, telqu minn Malta definittivament. Dan jirrizulta mill-verbal tas-seduta tal-11 ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012).

Il-Qorti taghmel referenza ghal-sitwazzjoni simili, ghalkemm mhux identika, fejn kienet giet trattata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz ***Il-Pulizija vs Pierre Gravina***[13]. F'dan il-kaz il-prosekuzzjoni kienet esibiet stqarrija guramentata ta' xhud, liema stqarrija kienet ittiehdet in forza ta' dak li jipprovdi l-artikolu 30A tal-**Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi** (Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta). Ix-xhud *de quo* ma kienx gie prodott fil-qorti peress li kien telaq minn Malta definittivament. Il-Qorti tal-Appell Kriminali, wara li ghamlet referenza ghal gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg u ghal dottrina in materja, irriteniet li l-Qorti tal-Magistrati kellha tiskarta l-istqarrija guramentata ta' dan ix-xhud. Saret referenza ghall-kaz fl-ismijiet ***Kostovski vs Netherlands*** *(20.11.1989)* fejn kien intqal li d-dritt ta' akkuzat li jikkonfronta xhud migjub kontra tieghu:

> "…does not mean, however, that in order to be used as evidence statements of witnesses should always be made at a public

[13] Deciza fis-26 ta' Mejju 2003

hearing in court: to use as evidence such statements obtained at the pre-trial stage is not in itself inconsistent with paragraphs (3)(d) and (1) of article 6, provided the rights of the defence have been respected. As a rule, these rights require that an accused should be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either at the time the witness was making his statement or at some later stage in the proceedings" (sottolinear tal-Qorti).

Il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet ukoll li dak li trid tara biex tiddetermina jekk kienx hemm jew le smigh xieraq hu jekk dawk l-istqarrijiet kienux l-unika prova kontra l-akkuzat, jew kienux altrimenti prova determinanti biex huwa jinstab hati. Ben Emmerson u Andrew Ashworth, fil-ktieb taghhom *Human Rights and Criminal Justice*[14] jghidu:

"What appears from these and other decisions is a complex mixture of at least three major factors. First, the Court's chief concern is the fairness of the trial as a whole: the defendant's right to "confront" or cross-examine every prosecution witness is important, but not absolute. Or, to express the point differently, reliance on pre-trial witness statements is not contrary to the Convention, so long as the rights of the defence are respected. Secondly, the Court's judgment on overall fairness is much affected by the significance of the written or reported statements for the prosecution case: it is fairly clear that a trial would be unfair if the conviction rested "solely or

[14] Sweet & Maxwell (London) 2001, para. 15-114, 15-115, p. 465

mainly" on the disputed statement, but in some decisions the test is expressed in terms more favourable to the defence. Thus in *Ludi v. Switzerland* the Court thought it sufficient to render the trial unfair that the written evidence had "played a part" in the conviction. However this may be explained by the third factor: that the Court has regard to the practical possibility of according greater recognition to defence rights than was done at the trial. In other words, there are some cases where the impracticability of producing the witness at the trial might lead the Court to adopt a more flexible approach to article 6(3)(d) (as, for example, in *Artner v. Austria*, where the witness had gone missing and was untraceable; or in *Asch v. Austria*, where the witness exercised her right not to testify). But the national court should always look for alternative safeguards. As the Court put it in *Van Mechelen v. Netherlands*, "any measures restricting the rights of the defence should be strictly necessary. If a less restrictive measure can suffice then that measure should be applied"."

L-analogija mal-kaz ta' *Gravina* u mal-gurisprudenza u d-dottrina tal-Qorti ta' Strasbourg hija cara. L-unika differenza hi li l-imputat kien presenti meta xehdet il-minorenni – presenza pjuttost inutili stante li ma kienx f'posizzjoni li jikkontrolla x-xhud minhabba l-procedura adoperata f'dan il-kaz.

Fil-kaz in dizamina ix-xhieda ta' OMISSIS hija ekwiparabbli ma' *pre-trial statement* in kwantu nghatat quddiem il-Qorti tal-Magistrati fil-vesti

taghha ta' Qorti Istruttorja qabel ma kkonvertiet ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Din ix-xhieda hija l-unika xhieda diretta prodotta mill-prosekuzzjoni in sostenn tal-imputazzjonijiet.

**L-espert nominat mill-Qorti Dr. Roberta Attard**

Il-Qorti kif diversament preseduta, minhabba li l-minuri kien ghad kellha biss 3 snin meta allegatament gara l-akkadut kienet hatret bhala espert lil Dr. Roberta Attard *child psycholgist*. Dr. Roberta Attard kienet originarjament giet nominata mill-Qorti sabiex tassisti lill-Qorti waqt is-smigh tax-xiehda tal-minuri OMISSIS[15]. Eventwalment dakinhar stess li l-minuri tat it-testimonjanza taghha, wara numri ta' verbali mill-partijiet kollha fil-kawza, il-Qorti estendiet l-inkarigu tal-istess Dr. Roberta Attard sabiex thejji rapport dwar: a) jekk ix-xhieda tal-minuri OMISSIS dehritx qed tigi influenzata minn ommha f'dak li kienet qed tghid u dana fid-dawl tal-fatt li ommha kienet qeghda hdejha il-hin kollu waqt ix-xhieda taghha; b) il-kompetenza tax-xhud tenut kont l-età tenera taghha; u c) jekk dak illi qalet il-minuri setax inghad lilha minn terzi jew kinitx esperjenza li ghexet hi fir-realtà.

Il-prosekuzzjoni u l-*parte civile* jinterpretaw hekk il-hidma u l-konkluzzjonijiet tal-espert tal-Qorti:

> "Dr. Roberta Attard fir-rapport taghha a folio 312 et seq tal-process waslet ghal numru ta' konkluzzjonijiet.
>
> Rigward il-fatt li kien hemm omm il-minuri meta il-minuri kienet taghti d-deposizzjoni taghha via *video conferencing*, l-esperta tal-Qorti ikkonkludiet li dan il-fatt ma influwenzax ix-xiehda tat-tifla. Infatti Dr. Attard tghid testwalment li:

[15] Verbal folio 99.

*"....omm it-tifla ma tidhirx li ghaddiet messaggi verbali jew non verbali fir-rigward tal-kaz lit-tifla taghha. Il-ftit li kellimtha, kien dejjem fil-presenza tieghi u deheret illi l-ghan ta' kliemha kien sabiex it-tifla takkalmaha. Minhabba dan kollu ma jidhirx illi l-presenza ta' OMISSIS waqt l-intervista tat-tifla serviet sabiex tinfluenza il-minuri b'mod illi kkonfermat l-akkuzi kontra missierha OMISSIS."*

Rigward il-fatt jekk il-minuri kellhiex il-kompetenza biex tixhed tenut kont tal-eta' tenera taghha, anke hawn, l-esperta tal-Qorti ikkonkludiet li l-minuri OMISSIS hija xhud ta' kompetenza.[16]

Rigward it-tielet domanda li kellha tirrispodni ghaliha Dr. Attard, ossia jekk dak illi qalet il-minuri setax inghad lilha minn terzi jew kienet esperjenza li ghexet hi fir-realta', l-espert tal-Qorti kkonkludiet li:

*"Meta l-kliem u l-agir tat-tifla jigu imqabblin ma' dawk ta' tfal tal-eta' taghha, sewwa illi gie ppruvat illi kienu qeghdin jghidu l-verita' dwar l-esprejnzi taghhom, kif ukoll ma' tfal illi kienu qed jistqarru informazzjoni falza, l-opinjoni tieghi huwa illi t-tifla kienet qed tirrispondi b'dak illi hi tafu bhala verita' u li kienet ghexet hi stess."*[17]

Maghmula dawn l-osservazzjonijiet, l-esponenti sejrin jghaddu sabiex jindikaw il-partijiet saljenti mix-xiehda ta' OMISSIS li fl-umili fehma taghhom juru kif l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu. L-esponenti mhumiex ser jidhlu fid-dettal sabiex joqghodu jezminaw kelma kelma x'intqal mill-minuri, u dan ghaliex l-esponenti ma ghandhom l-ebda dubju li dina l-Onorabbli Qorti ser tidhol fid-dettal f'din it-testimonjanza. Jinghad però li l-minuri, ghalkemm b'certu misthija u b'ansjeta' u swied il-qalb minhabba li kienet qed titkellem dwar trawma kbira ghaliha li kienet ghaddiet minnha, xorta wahda tkellmet dwar din l-esperjenza li ghaddiet minnha ma' missierha. Infatti mit-testimonjanza taghha wiehed jista' legittimament u ragjonevolment, minghajr dubju dettat mir-raguni jikkonkludi li kien hemm *atti di libidine* fil-konfront tal-minuri liema atti jwasslu ghall-korruzzjoni tal-istess minuri.

Fost il-punti kardinali fit-testimonanjza ta' OMISSIS wiehed jinnota li OMISSIS fil-bidu tax-xiehda taghha tispjega l-parti privata tal-persuna femminili bhala '*the cucci*'.[18] Wara tesprimi ruhha dwar l-abbuz billi tpingi l-parti privata ta' missierha u tirreferi ghaliha bhal l-'*pink nail*'. Parti ohra mit-tpingija tirreferi ghaliha bhal '*ripped underwear. A scissors*'.[19] Meta tigi

[16] Fol. 314
[17] Fol. 315 Sottolinear tal-prosekuzzjoni u l-*parte civile*.
[18] Fol. 267
[19] Fol. 269

mistoqsija dwar is-scissors, il-minuri tghid li dawn intuzaw minn missierha sabiex OMISSIS tkompli tghid li dak li ghamel bil-*'pink nail'* kien *'very naughty'* u tirreferi ghall-azzjoni bhala li *'Daddy was playing a doctor game'* u li din il-loghba ghaliha m'hijiex ta' pjacir aktar tant li tghid li hija *'silly'* u li dejqitha ghaliex tghid li ***'it really really, really bothered me'*** u tirreferi ghal *'tickle. It's horrible'*. [20] Mistoqsija dwar it-tickle u cioe jekk *'the tickle thing'* kienetx 'big or small', OMISSIS tghid li kienet *'as big as my hand'*. Hawnhekk juri bic-car kemm OMISSIS kienet kapaci tikkomunika b'mod car il-hsibijiet taghha. Friedrich[21] jghid li aktar ma tkun ta' età tenera l-vittma, aktar huma severi l-effetti ta' l-abbuz. Jghid ukoll illi jekk l-abbuz ikun sar aktar minn darba u jekk ikun sar minn persuna vicin tal-vittma, l-effetti ikun dejjem aghar.

Wiehed jinnota li fit-testimonjanza taghha, OMISSIS turi li ma kienetx qed tiehu pjacir tirrakkontha x'ghamilha missierha u dehret mdejjqa ghal xi hin. Però uriet li hija kapaci titkellem sew bil-lingwa Ingliza u meta s-suggett ma kienx suggett illi iqajjem fiha emozzjonijiet negattivi, wriet hafna kapacità illi tikkomunika b'mod car il-hsibijiet taghha.

Ghaldaqstant, l-esponenti jemmnu bil-qawwa li l-kriterji ta' kompetenza tal-minuri u li l-fatt li dak li xehdet kienet ghexitu fir-realta', gew pruvati. Dawn il-kriterji/kundizzjonijiet johorgu anke minn studji li saru dwar tfal li jallegaw abbuz sesswali, ara Wiessman (1991).[22]"

Id-difiza ssottomettiet fit-tul dwar l-inkarigu tal-espert tal-Qorti, liema sottomissjoni se tkun riprodotta:

Illi l-prosekuzzjoni u l-parte civile jindirizzaw il-konkluzjonijiet ta' din l-espert b'mod selettiv hafna u b'distakk minn dak kollu li rrizulta fl-atti processwali. L-esponent ser jezamina il-konkluzjonijiet ta' Dr. Roberta Attard fid-dettal u fid-dawl tar-rizultanzi processwali u mhux biss fid-dawl ta' dak li sehh fil-presenza ta' l-istess espert.

[20] Fol. 272
[21] Friedrich W. N. (2002) Psychological Assessment of sexually abused children and their families, Sage London
[22] Forensic Psychological examination of the child witness in cases of alleged sexual abuse. American Journal of Orthopsychiatry, 61, pp 48-58

Illi fir-rigward ta' l-ewwel kwezit dwar jekk fix-xiehda taghha l-minuri OMISSIS dehritx qed tigi nfluwenzata minn ommha f'dak li kienet qed tghid, wara premessi ta' natura generali, l-espert ikkonkludiet li ma kienx jidher li "l-presenza ta' OMISSIS waqt l-intervista tat-tifla serviet sabiex tinfluenza il-minuri b'mod illi kkonfermat l-akkuzi kontra missierha OMISSIS". Bl-akbar rispett din l-affermazzjoni turi pregudizzju u nuqqas ta' serjetà in kwantu, kif spjegat fil-Parti 4.4 ta' dawn is-sottomissjonijiet, <u>OMISSIS qatt ma kkonfermat l-akkuzi kontra missierha</u>. L-espert ghamlet referenza superficjali ghall-akkuzi minghajr ebda konoxxenza ta' x'inhu legalment rikjest sabiex dawn l-akkuzi jigi "konfermati". Bilkemm hemm ghalfejn jinghad li minn imkien ma jirrizulta li OMISSIS ghamlet xi allegazzjoni dwar *atti di libidine* kommessi mill-esponent jew dwar xi arrest illegali. Jinghad ukoll li fl-ewwel kwezit l-espert ma ntalbitx taghti opinjoni dwar il-veracità tal-kontenut tax-xiehda ta' OMISSIS. Ghalhekk, a parti mill-fatt li dak li qalet l-espert huwa kontradett mill-provi, din il-konkluzjoni hija kompletament *ultra vires* u ghandha tigi skartata.

Illi l-esponent ma huwiex però ser jieqaf hawn. Tajjeb li jigu ezaminati l-premessi li wasslu ghal din il-konkluzjoni. Fir-rapport taghha l-espert qalet, *inter alia*, hekk:

"Jidher b'mod car mill-interazzjoni verbali u non-verbali bejn l-omm u t-tifla illi hemm rabta qawwija ta' fiducja bejniethom."

"Il-messagg li wiehed seta' ha kien illi b'xi mod l-omm kienet qed tinfluenza t-tifla f'dak illi kienet qed tghid bil-hars. <u>Din tista' tkun possibilità</u>. Però, ghal min kien vicin taghha u seta' jara sewwa l-espressjoni illi t-tfal jkollhom meta jridu jaghmlu xi haga bil-fors li ghalihom hi spjacevoli hafna izda illi jafu li jridu jaghmlu ghall-gid taghhom."

"<u>Il-harsa kienet qed taghti messagg iva</u>, izda fl-opinjoni tieghi d-direzzjoni tal-messagg kienet mit-tifla ghal ghand ommha u t-tifsira taghha kienet sabiex ommha tehlisha milli jkollha tghaddi mill-esperjenza tal-intervista. Min-naha taghha, b'mod car iddispjacuta hafna, omm it-tifla <u>ma tidhirx</u> li

ghaddiet messaggi verbali jew non-verbali f'rigward il-kaz lit-tifla taghha." (sottolinear ta' l-esponent)

Illi dawn il-premessi huma importanti u ghandhom jigu ezaminati minn din l-Onorabbli Qorti fid-dawl tal-provi kollha u mhux biss fid-dawl ta' dak allegatament riskontrat fil-ftit hin li OMISSIS kienet fil-presenza ta' l-espert. Per ezempju, fir-rigward ta' l-ewwel bran citat, irrizulta mill-provi li x-xhud kellha rabta qawwija ta' fiducja wkoll ma' l-esponent. Dan jirrizulta minn provi – mhux biss dawk ta' familjari – li ser issir referenza ghalihom aktar 'il quddiem.

Illi fir-rigward tal-kwezit specifiku tal-possibilità ta' influwenza minn omm OMISSIS, ir-risposta ta' l-espert hija pjuttost cara u hija fl-affermattiv. L-espert telabora fuq din il-konkluzjoni taghha billi tghid li, però, dan jista' jkun minhabba l-esperjenza spjacevoli ta' l-intervista. Hawnhekk ukoll irrizulta mill-provi li l-genituri ta' din ix-xhud kienu ghaddejjin minn separazzjoni akrimonjuza ghall-ahhar bil-konsegwenza li mhux biss ix-xhud kienet qed tigi mcahhda mill-presenza ta' missierha li tant kienet thobb izda addirittura ngabet fil-Qorti biex tixhed fil-konfront tieghu. Ghalhekk huwa pjuttost superficjali li wiehed jitkellem fuq esperjenza hazina b'rabta biss ma' allegazzjoni malizzjuza u b'distakk mir-realtà li kienet qed tghix ix-xhud fil-mument tat-testimonjanza taghha (vide, *inter alia*, il-kontenut u l-konkluzjonijiet fir-rapport ta' l-Agenzija Appogg – Parti 7 ta' dawn is-sottomissjonijiet). Jibqa' l-fatt li ghall-kwezit tal-Qorti jekk ix-xhud setghetx giet influwenzata minn ommha waqt ix-xiehda taghha, l-espert ma eskludietx din il-possibilità.

Illi fatt iehor li però jidher li qed jigi injorat hu li l-verbal tad-difiza dwar il-presenza ta' OMISSIS u l-possibilità ta' influwenza fuq ix-xhud ma kienitx limitata ghal meta OMISSIS kienet effettivament qed tixhed. Infatti, jirrizulta mill-verbal li fis-17 ta' April, 2008 li x-xhud ghamlet perijodu ta' hin <u>wahedha</u> mghannqa ma' ommha fis-sigrieta ta' l-awla. L-espert tal-

Qorti ma kienitx presenti f'dak il-hin kif anke jirrizulta mill-verbal tas-seduta *a fols.* 254-256.

Illi fir-rigward tat-tieni kwezit tal-Qorti dwar il-kompetenza ta' OMISSIS tenut kont ta' l-età tenera taghha, l-esponent jirrileva li din il-kwistjoni hija wahda strettament ta' natura legali u d-decizjoni dwar il-kompetenza tax-xhud trid tittiehed skond il-kriterji msemmija fl-artikoli 629 u 630 tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk jinghad bl-akbar rispett li l-espert kellha tigi nfurmata b'dawn il-kriterji u n-nuqqas li jsir hekk wassal ghal mankanzi serji kemm waqt ix-xiehda tal-minorenni kif ukoll fir-relazzjoni ta' l-espert.

Illi, a skans ta' ripetizzjoni inutili, l-esponent jaghmel pjena referenza ghal dak li ntqal fil-Parti 4.1 ta' dawn is-sottomissjonijiet. Minghajr pregudizzju ghall-fatt li x-xiehda ta' OMISSIS ttiehdet minghajr gurament, il-kriterji li ghandhom jigu osservati biex jigi determinat jekk xhud huwiex kompetenti biex jixhed huma, kif intqal, dawk indikati fl-artikoli 629 u 630 imsemmija. Minn imkien ma jirrizulta li din il-Qorti ghandha tkun sodisfatta li nonostante l-età ta' OMISSIS, hija fehmet li huwa skorrett li tixhed il-falz. Lanqas ma jirrizulta li x-xhud fehmet u accettat l-obbligazzjoni tal-gurament. Dawn huma kundizzjonijiet *sine qua non* – kundizzjonijiet li johorgu mil-ligi u li ebda espert ma jista' jipprexxindi minnhom. Huwa evidenti li Dr. Roberta Attard ma tafx x'tghid il-ligi fir-rigward ta' x'inhu rijkest biex xhud ta' età tenera jissodisfa lill-Qorti li huwa kompetenti biex jixhed tant li fl-ebda mument ma ghamlet accenn ghall-gurament jew ghall-obbligazzjonijiet tal-gurament. Kwalunkwe kumment iehor dwar dan il-punt ikun ghalhekk superfluwu.

Illi fir-rigward tat-tielet kwezit tal-Qorti dwar jekk dak illi qalet il-minuri setghax inghad lilha minn terzi jew kinitx esperjenza li ghexet fir-realtà, l-esponent jirrileva li l-apprezzament finali ghandu jsir biss minn din l-Onorabbli Qorti u dan ghandu jsir a bazi tal-kriterji msemmija fil-ligi,

fosthom dawk elenkati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali. L-esponent ghandu certa rizervi dwar il-korrettezza legali ta' dan il-kwezit. Però l-espert japprezza wkoll li din l-Onorabbli Qorti sabet ruhha f'sitwazzjoni fejn, fl-assenza ta' inkjesta magisterjali, hasset li kellha bzonn ta' intervent ta' espert. L-esponent jifhem li l-Qorti qatt ma kellha l-intenzjoni li tabdika mill-apprezzament tal-provi <u>kollha</u> biex tistrieh fuq opinjoni esperta izda opinjoni minghajr il-*background* pjuttost sostanzjali tal-kaz. Sfortunatament il-prassi sana li giet adottata f'dawn l-ahhar snin li investigazzjonijiet simili jsiru taht il-kappa ta' Magistrat Inkwirenti kienet ghadha ma gietx adoperata.

Illi l-esponent ser jaghmel referenza ghal bran mir-rapport ta' Dr. Roberta Attard:

"Ir-ricerka turi illi t-tfal, anke zghar, huma kapaci illi jiftakkru u jirrakontaw b'mod preciz hafna, dettalji ta' sitwazzjonijiet illi jinsabu fihom (…). Specjalment b'riferiment ghat-tfal zghar, <u>huwa piuttost facli dawn it-tfal jigu mghallma jew influwenzati sabiex jirrakontaw sitwazzjonijiet li qatt ma graw</u>, hafna difficlment jigu mghallma l-kongruenza bejn il-kliem u l-emozzjonijiet. Ir-reazzjonijiet naturali tal-gisem f'sitwazzjonijiet ta' biza' jew ta' periklu ma jistghux jigi mghallma." (sottolinear ta' l-esponent)

Illi bi ftit iktar elokwenza din l-espert setghet tghid hekk: <u>Tfal ta' età zghira huma facilment influwenzabbli u ghalhekk il-*body language* taghhom irid necessarjament jittiehed in konsiderazzjoni</u>.

Illi qed jerga' jigi sottomess li ma jistax ikun hemm dubju li l-iskop ta' din l-espert ma kienx li jissostitwixxi l-gudizzju tal-Qorti. Jinghad bl-akbar rispett li dan il-kwezit kien però wiehed azzardat u certament ma kienx intiz sabiex il-gudizzju jittiehed minn espert, *multo magis* minn espert li ma ndunatx li OMISSIS ma kienitx effettivament ikkonfermat l-akkuzi fil-konfront ta' missierha u li fl-entuzjmu taghha biex tghid li kienet qed

temmen lix-xhud insiet tigbed l-attenzjoni tal-Qorti ghall-fatt li skond l-istess xhud l-istorja ta' Cinderella hija "*true story*".

Illi l-esponent jigbed l-attenzjoni tal-Qorti ghax-xiehda li tat OMISSIS fi OMISSIS fil-kawza "OMISSIS":

OMISSIS

Illi, kif inghad, din ix-xiehda nghatat fi OMISSIS , jigifieri tnax(12)-il gurnata biss wara li xehdet OMISSIS quddiem din il-Qorti. Ghalkemm OMISSIS, fix-xiehda li tat quddiem din il-Qorti fit-28 ta' April, 2011, innegat li kienet tirreferi ghall-esponent bhala mostru quddiem it-tifla, jirrizulta car li l-istampa li ppruvat tpingi mart l-esponent kienet wahda velenuza ghall-ahhar. Dan huwa biss wiehed mid-diversi ezempji li jistghu jinghataw. L-espert tal-Qorti ma kienitx taf id-dettalji ta' din ir-retroxxena u ghalhekk ma kienitx f'posizzjoni li taghti gudizzju dwar il-veracità o meno tal-kontenut tax-xiehda ta' OMISSIS

## Espert nominat mill-Qorti

Il-Qorti se titratta dwar l-opinjoni ta' espert mahtur mill-Qorti u dan minhabba l-importanza li se taghti ghal dak irrapurtat mill-espert taghha Dr. Roberta Attard f'din il-kawza, billi se tirreferi ghal numru ta' decizjonijiet fejn il-Qrati taghna trattaw l-artikolu 656 tal-Kap 9. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija vs Akram Amar Swayah**[23] deciza fit-8 ta' Mejju, 2006 intqal:

[23] Appell Kriminali Numru. 124/2005

*Huwa minnu illi l-espert nominat mill-Qorti ddikjara illi l-ferita in kwistjoni kienet ta' natura hafifa, ghaliex fil-fehma tieghu, peress li l-imputat [**recte:** il-vittma] huwa ragel ta' hamsa u erbghin sena u ghandu l-gangala, ma dehrlux li kellu jikklassifikaha bhala ferita ta' natura gravi.*

*Il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 656 tal-Kap. 9 tal- Ligijiet ta' Malta u cioe` min ghandu jiddeciedi, mhux marbut li joqghod ghall-fehma tal-periti kontra l- perswazjoni tieghu. F'dan il-kaz il-Qorti rat di viso l-vittma u kkonstatat li l-ferita in kwistjoni hija wahda visibbli minn distanza normali u skond l-istess Doctor Dino Vella Briffa, tinhass ukoll."*

*Minn dan jidher li l-Ewwel Qorti ma ghamlet l-ebda spropozitu legali jew logiku. Hija kellha kull dritt tinnomina perit u kull dritt taccetta jew ma taccettax kwalunkwe opinjoni li avvanza l-imsemmi perit. Difatti, nonostante li l- perit gie nominat mill-Qorti specifikatament sabiex jezamina lil P.S. 951 Joseph Tonna (artikolu 650 tal-Kap. 9), l-artikolu 656 jghid testwalment:*

***"Min ghandu jiddecidi mhux marbut li joqghod ghall- fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu."***

*Ghalhekk l-Ewwel Qorti setghet anke toqghod ghall-fehma ta' Dr. Dino Vella Briffa li l-offiza li garrab P.S. 951 Joseph Tonna "tinhass", u ma toqghodx ghall-fehma tieghu illi tali offiza ma tikkostitwix sfregju galadarba hija stess ikkonstatat illi l-offiza in kwistjoni "hija wahda visibbli minn distanza normali". Skond gurisprudenza ormai pacifika difatti, il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn*

*distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma'xulxin" (ara Appell Kriminali fl-ismijiet* ***Il- Pulizija v. Paul Spagnol****, 12 ta' Settembru 1996, Vol. LXXX.iv.279).*

Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **Il-Pulizija (Spettur Carmelo Magri) vs George Xuereb**[24] ippreseduta mill-Agent President Imhallef Joseph A. Filletti u l-Imhallfin Albert J. Magri u Geoffrey Valenzia fid-decizjoni tal-25 ta' Frar, 2011 intqal:

*"... anke tenut kont tal-inkarigu tieghu, jinghad li fid-dawl tal-gurisprudenza kostanti f'dawn l-ahhar snin, il-Qorti thoss fi kwalunkwe kaz it-talba ma tistax tigi milqugha peress li kif inghad fis-sentenzi hawn citati tal- Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet* ***"Nazzareno sive Reno Zarb vs Avukat Generali"*** *(Q.K. – 31 ta' Ottubru 2003) u* ***"Melchior Spiteri vs Avukat Generali"*** *(Q.K. – 31 ta' Ottubru 2003) il-Qorti thoss illi l-analizi taghha, jekk tieqaf hawn, tkun inkompleta u ghalhekk skorretta. Skont dawn l-istess principji enuncjati f'dawn is-sentenzi johrog car illi din il-Qorti ghandha tqis l-assjem tal-provi kollha, u hija l-istess Qorti li ghandha tezercita l-irwol taghha ta' supervizjoni u ghandha taghmel evalwazzjoni tal-provi kollha mressqa quddiemha. Ghalhekk ghandha l-liberta` tiskarta l-opinjoni tal-esperti anke jekk mahtura minnha (****artikolu 656 tal-Kap. 9****) u l-partijiet ghandhom id-dritt iressqu l-provi taghhom."*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-atti tal-allegazzjoni ta' genn fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Anthony Schembri**[25] deciz fl-4 ta' Marzu, 2010

---

[24] Appell Civili Numru. 24/2008/1
[25] Appell Kriminali Numru 3333/2010

mill-Agent President Imhallef David Scicluna u l-Imhallfin Noel Cuschieri u Joseph R. Micallef intqal:

> *Jidher li l-gurati skartaw l-opinjoni ta' l-esperti psikjatri (kif del resto kellhom dritt li jaghmlu a tenur ta' l-artikolu 656 tal-Kodici Kriminali) u kkonkludew li l-appellant kellu kemm il-kapacita` li jifhem li dak li qieghed jaghmel huwa hazin kif ukoll il-kapacita` li jaghzel jekk jaghmilx jew le dak l-att. Din il-Qorti jidhrilha li l-gurati, ben diretti mill- Imhallef li ppresjeda l-guri, huma fl-ahjar posizzjoni li jiddeciedu, skond il-buon sens, dwar il-kwistjoni li kellhom quddiemhom. Bhalma jghidu Timothy Jones u Michael Christie, b'referenza ghal-ligi sostantiva u procedurali Skocciza in materja ta' eccezzjoni ta' demenza fil-kamp penali, u li hi simili hafna ghal dik taghna:*
>
> ***"The issue as to whether the accused's reason was alienated in relation to the crime in question is one for the jury to determine in the light of the evidence and their common sense. In Lord Strachan's terms, 'it is to be judged on the ordinary rules on which men act in daily life.' The jurors are the arbiters of insanity. They can take account of any medical evidence given by expert witnesses, but such evidence is not conclusive. The significance of medical evidence is severely limited by the fact that insanity is a legal rather than a medical concept. Further, a medical witness can only speculate as to the accused's state of mind at the time of the crime, since the information upon which his judgment is based will have been obtained subsequent to the crime being committed."***

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta vs Charles Steven Muscat**[26] deciz mill-Imhallfin Joseph A. Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef deciz fit-8 ta' Gunju 2006 iddikjaraw:

> *Irid jigi notat ukoll illi skond l-artikolu 656 tal-Kap. 9:* ***"Min ghandu jiddeciedi mhux marbut li joqghod ghall- fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu."*** *L-ewwel Qorti kienet korretta meta qalet illi f'dan il-kaz din ir-regola kienet tassumi importanza partikolari peress illi certi linji difensjonali kienu jiddependu minn jekk il-gurati jaccettawx jew le, b'mod partikolari, il-konkluzjonijiet ta' Dr. Spiteri. Jigifieri l-Qorti kienet qed taghmel il-posizzjoni fil-ligi cara lill-gurati, filwaqt li spjegatilhom li* ***"kontra l- perswazjoni"*** *taghhom ma kienx ifisser* ***"kontra l-kapricc ta' mohhkom"*** *izda ghal raguni valida legalment.*

U finalment il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Ir-Repubblika ta' Malta vs John Borg**[27] tat-13 ta' Lulju, 2006 deciza mill-Imhallfin Joseph A. Filletti, Gino Camilleri u David Scicluna fejn kien dikjarat li:

> *Wara kollox, is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 650 tal-Kodici Kriminali jiddisponi testwalment li:*
>
> ***"Fil-kazijiet kollha li fihom ghall-ezami ta' persuna jew ta' haga tkun tinhtieg hila jew sengha specjali*** *[fit-test ingliz:* ***special knowledge or skill], ghandha tigi ordnata perizja."***

[26] Appell Kriminali Numru 9/1996
[27] Appell Kriminali Numru 22/1997

*Sabiex persuna jkollha hila jew sengha specjali mbaghad, mhuwiex mehtieg, ghall-finijiet ta' din id-disposizzjoni tal- ligi, li dik il-persuna tkun akkwistat tali hila jew sengha unikament permezz ta' studji formali fil-branka partikolari. Bhalma naqraw f'* ***Blackstone's Criminal Practice 2001***[28] *, "whether a witness is properly qualified in the subject calling for expertise is a question for the court. Such competence or skill may stem from formal study or training, experience, or both". Fis-sentenza tas-South Australia Supreme Court fl-ismijiet R. v. Bonython (1984) 38 S.A.S.R. 45, citat f'* ***Archbold Criminal Pleading, Evidence and Practice 2003***[29]*, King C.J. qal:*

***"Where the witness possesses the relevant formal qualifications to express an opinion on the subject, an investigation on the voir dire of his methods will rarely be permissible on the issue of his qualifications. There may be greater scope for such examination where the alleged qualifications depend upon experience or informal studies.... Generally speaking, once the qualifications are established, the methodology will be relevant to the weight of the evidence and not to the competence of the witness to express an opinion....***

***If the qualifications of a witness to give expert evidence are in issue, it may be necessary to hear evidence on the voir dire in order to make a finding as to those qualifications...."***

*Fil-ligi taghna l-esperti ma jigux maghzula mill-partijiet (ghalkemm jistghu jintalbu mill-partijiet) izda jigu nominati mill-Qorti, li hi 'l*

---

[28] Para. F10.3 pagna 2120.
[29] Para. 10-65 pagna 1234.

*fuq mill-partijiet. Jekk espert hekk nominat ghandux verament il-kwalifiki li jipprofessa li ghandu, jekk ghandux verament 'hila jew sengha specjali' (Art. 650(1)) hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant tal-fatt, f'dan il- kaz ghall-gurati. Hu proprju ghalhekk li l-ligi tipprovdi li l- gudikant tal-fatt* ***"mhux marbut li joqghod ghall-fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu"*** *(Art. 656). Konsegwentement il-kwistjoni ta' jekk il-Professur Hector Galea kienx l-ahjar espert li seta' jingieb f'dan il-kaz kienet kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gurati, u dwar dan, kif ser naraw, il-gurati gew ben indirizzati mill-Imhallef li ppresjeda l-guri.*

*F'dan il-kaz, il-Professur Galea gie mistoqsi mid-difiza jekk hux forensic odontologist u hu wiegeb li hu dentist u li jahdem fil-forensika. Din il-Qorti hi a konoxxenza tal-fatt illi l-imsemmi Professur Galea m'ghandux kwalifiki formali fl- odontologija izda taf ukoll illi ghandu snin konsiderevoli ta' esperjenza f'dan il-qasam. Issir referenza f'dan ir-rigward ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament komposta fl-ismijiet* ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Mario Pollacco*** *moghtija fl-1 ta' Dicembru 2005, u, bhalma ntqal f'dik is-sentenza, hawn ukoll tghid li ma tara l-ebda raguni sabiex tghid li l-Professur Hector Galea ma kellux il- kwalifiki mehtiega biex jikkonduci x-xoghol kollu mehtieg skond l-inkarigu li kien gie moghti mill-Magistrat Inkwerenti u li, fl-ahhar mill-ahhar, il-gurati kienu dejjem liberi li jaslu ghal konkluzjoni differenti u ma jaccettawx l-opinjoni tieghu.*

Il-Qorti tikkonkludi dawn l-argumenti legali billi ssostni li l-opinjoni ta' espert wiehed jista' jirrispettaha izda ma jfissirx illi dak li jghid l-espert

huwa dogma tal-fidi u ghalhekk l-artikolu 656 tal-Kodici Kriminali jipprovdi illi min ghandu jiggudika mill-fatti mhux marbut mal-konkluzzjoni tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu.

**Ix-Xhieda tal-minuri OMISSIS**

Din il-kawza bdiet quddiem il-Qorti tal-Magistrati fil-vesti taghha ta' Qorti Istruttorja fil-5 ta' Gunju tas-sena elfejn u sebgha (2007). Fis-seduta sussegwenti tas-17 ta' Lulju ta' dik is-sena giet prodotta biex tixhed bint l-imputat OMISSIS. F'dik is-seduta jidher li l-minorenni tat x'tifhem li ma xtaqitx tixhed fl-assenza ta' ommha. Id-difiza oggezzjonat ghal dan peress li dejjem sostniet li l-allegazzjonijiet kienu montatura tal-istess omm[30].

Il-minuri OMISSIS bdiet tixhed fis-17 ta' April tas-sena elfejn u tmienja (2008). L-Onorabbli Qorti (diversament presjeduta) ippermettiet li x-xhieda taghha tinghata permezz ta' *video conferencing* u din tinghata fil-presenza ta' ommha u ta' esperta nominata minnha, Dr. Roberta Attard. Id-difiza oggezzjonat ghal dan.

Dakinhar il-minuri ghamlet tpingija[31]. F'dan l-istadju it-testimonjanza tal-minorenni giet sospiza u tkompliet wara skambju ta' sottomissjonijiet mill-partijiet, liema sottomissjonijiet gew anke verbalizzati. Fost is-

---

[30] verbal tas-seduta a fols. 27-28
[31] verbal tas-seduta a fols. 254-256

sottomissjonijiet id-difiza regghet esprimiet il-preokkupazzjoni taghha ghall-fatt li l-minorenni kienet qed tixhed fil-presenza ta' ommha.

Il-Qorti se taghmel referenza ghax-xhieda ta' OMISSIS fl-intier taghha li jistghu jkunu relevanti ghas-sejbien ta' htija jew le f'dan il-kaz. Il-minorenni xehdet hekk[32]:

*"Il-Qorti:*
*"What daddy did?*
*"Se tpingi issa.*
*"What's that? What's that, OMISSIS?*
*"Il-minuri OMISSIS*
*"Ripped underwear. A scissors.*
*"Il-Qorti:*
*"That's the nail?*
*"Il-minuri OMISSIS:*
*"Yes.*
*"Il-Qorti:*
*"Has it got a colour, the nail?*
*"Il-minuri OMISSIS:*
*"Pink.*
*"Il-Qorti:*
*"It's pink. A pink nail.*
*"And where is the pink nail? Where do you see a pink nail?*
*"Il-minuri OMISSIS:*
*"I don't know.*
*"Il-Qorti:*
*"Of whom the pink nail?*
*"Il-minuri OMISSIS:*
*"Daddy."*

F'dan l-istadju ix-xhud giet mistoqsija jekk l-imputat kienx juriha *pink nail* meta kienet tmur il-flat tieghu. Ix-xhud ma rrispondietx id-

[32] A fol. 269 et. seq.

domanda tant li l-Qorti, ezattament wara, staqsiet jekk tafx fejn rat il-*pink nail*.

> *"<u>Il-Qorti</u>:*
> *"Yes? And where was it? You don't know where it was? Was the pink nail naughty? What did the pink nail do? [sottolinear ta' l-esponent]*
> *"<u>Il-minuri OMISSIS</u>:*
> *"It was very naughty."*

F'dan l-istadju x-xhud issemmi *"scissors"* u li l-imputat kien qed izomm *"scissors"*.

> *"<u>Il-Qorti</u>:*
> *"You don't know why he was holding the scissors, daddy?*
> *"<u>Il-minuri OMISSIS</u>:*
> *"Daddy was playing a doctor game.*
> *"<u>Il-Qorti</u>:*
> *"You used to play a doctor game as well with daddy? How was that?*
> *"<u>Il-minuri OMISSIS</u>:*
> *"I don't think it's fun anymore.*
> *"<u>Il-Qorti</u>:*
> *"You don't think it was fun? No? Why don't you like it, the doctor game of daddy?*
> *"<u>Il-minuri OMISSIS</u>:*
> *"Because it's silly.*
> *"<u>Il-Qorti</u>:*
> *"It's a silly game?*
> *"And how was it? Can you tell me how you used to play doctor game with daddy?*
> *"<u>Il-minuri OMISSIS</u>:*
> *"I don't remember.*
> *"<u>Il-Qorti</u>:*
> *"You don't remember or you're shy to tell me?*
> *"<u>Il-minuri OMISSIS</u>:*
> *"I don't remember."*

F'dan l-istadju l-Qorti baqghet tindaga dwar din id-*doctor game* u l-*pink nail*. Il-xhud qalet li ddejqet ghaliex kellha *"very very bad cough"* u *"jumping on the bed"*.

*"Il-Qorti:*
*"… And that ripped underwear whose was it? Yours?*
*"Il-minuri OMISSIS:*
*"I don't know.*
*"Il-Qorti:*
*"Did anything else hurt you when you were at daddy's flat? No?*
*"When daddy ripped your underwear, were you wearing it?*
*"Il-minuri OMISSIS:*
*"I don't know.*
*"Il-Qorti:*
*"… Anything else you like to tell me? Or you tell your dolls here? No?*
*"Il-minuri OMISSIS:*
*"There isn't anything else."*

F'dan l-istadju l-avukat tal-parte civile ghamel tentattiv sabiex ix-xhud tghid li l-imputat kien qalilha li dak li allegatament sehh kien sigriet li ma setghatx titkellem dwaru.

*"Il-Qorti:*
*"What did you used to talk about with daddy? Do you remember?*
*"Il-minuri OMISSIS:*
*"… underwear … my cucci …*
*"Il-Qorti:*
*"Pink nail … cucci. Were you wearing something when he pinched your cucci?*
*"Il-minuri OMISSIS:*
*"No.*
*"Il-Qorti:*
*"Did you have your pants on?*
*"Il-minuri OMISSIS:*
*"Don't know."*

Wara ftit domandi ohra il-Qorti staqsiet dwar "*tickling*".

> "*Il-Qorti:*
> "*Was it your's or daddy's the tickle man?*
> "*And what did daddy …*
> "*Il-minuri OMISSIS:*
> "*Tickle.*
> "*It's horrible.*"

Rigward it-"*tickling*" iktar 'il quddiem ix-xhud, fuq domanda tal-Qorti "*where does it tickle the girl?*" tirrispondi "*Everywhere*".[33]

Waqt it-testimonjanza tax-xhud il-prosekuzzjoni ghazlet li tissospendi l-ezami. Il-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha fis-seduta tal-24 ta' Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) minghajr ma qatt ma regghet ipproduciet lil OMISSIS ghall-kontinwazzjoni tal-ezami precedentement sospiz.

Id-difiza ma setghetx taghmel il-kontro-ezami tal-minorenni. Waqt is-seduta tal-11 ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) il-Qorti giet infurmata li l-minuri ma kinitx ghadha hawn Malta[34].

**L-access**

L-incident allegat minn OMISSIS fil-konfront tal-imputat qieghed ikun allegat li sehh f'Marzu tas-sena 2006.[35]

[33] a fol. 279
[34] verbal tas-seduta a fol. 830

F'Ottubru ta' dik l-istess sena, u cioè seba' xhur wara, l-Ispettur Louise Calleja rceviet telefonata dwar din l-allegazzjoni.[36]

Fid-19 ta' Dicembru ta' dik is-sena l-imputat gie arrestat u nzamm taht arrest ghal tmienja u erbghin (48) siegha. Fin-nofs siegha (12.30pm) tal-21 ta' Dicembru l-imputat irrilaxxja stqarrija. Ghalkemm l-imputat kien infurma lill-Ispettur li dakinhar filghodu huwa kellu seduta quddiem il-Qorti tal-Familja peress li kien talab lil dik il-Qorti sabiex takkordalu l-fakultà li jara lit-tifla tieghu fil-Milied, huwa nzamm arrestat ghaz-zmien kollu permess mil-ligi bil-konsegwenza li ma marx ghas-seduta u tilef l-opportunità li jara lill-bintu ghall-Milied.[37]

L-imputat tressaq il-Qorti, mhux bl-arrest, fil-5 ta' Gunju tas-sena 2007 a bazi ta' citazzjoni mahruga fit-2 ta' Mejju ta' dik l-istess sena.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali datata 8 ta' Gunju, 2007 fejn il-htija ta' OMISSIS ghall-kontravvenzjoni kontemplata fl-artikolu 338(*ll*)[38] tal-Kodici Kriminali giet konfermata ghalkemm kien hemm temperament fil-piena. Il-Qorti se tirriproduci d-decizjoni li nghatat mill-Prim Imhallef Vincent Degaetano.

---

[35] xiehda ta' OMISSIS a fol. 13

[36] xiehda ta' l-Ispettur Louise Calleja a fol. 320

[37] Il-Qorti thoss li anke jekk persuna se tkun investigat fuq reati serji, il-pulizija ghandha titratta mieghu b'dinjita'. La l-kaz kien irrapurtat lill-pulizija f'Ottubru ma kienx jaghmel sens jekk ma kienx hemm xi raguni ohra mhux maghrufa li l-imputat ikun arrestat ftit jien qabel il-Milied, meta kellu seduta importanti l-Qorti dwar access ta' bintu, meta mbaghad tressaq il-Qorti sitt xhur wara. Jekk l-imputat informa ill-investigaturi li kellu seduta l-Qorti huma kellhom jinfurmaw b'dan lill-Qorti u jaraw li hu jkun prezenti fil-hin allokat mill-Qorti. Jidher li ghad hemm min fil-Korp tal-Pulizija jiehu b'mod legger hafna s-sejhiet tal-Qorti jew ghal skuza jew ghal ohra.

[38] Nuqqas ta' access

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra OMISSIS talli nhar il-25.08.2006 ghal habta ta' 10:00hrs, fir-Rabat, Ghawdex, u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnha b'risoluzzjoni wahda u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi avolja maghmulin fi zminijiet differenti, bhala l-persuna li ghandha l-kustodja ta' bintha minuri D.T.[39] ta' 3 snin, naqset li tghaddi [recte: taghti] l-access ta' bintha lil missierha OMISSIS bejn l-10:00hrs u 12:00hrs, liema hinijiet kienu miftehma minn qabel, hekk kif ordnata b'Digriet Nru:32/2006 moghti mill-Magistrat Dr. Paul Coppini LL.D. fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni tal-Familja, u dan minghajr raguni xierqa (Art 338(*ll*) tal-Kap 9);

Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-8 ta' Marzu 2007, li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmija OMISSIS hatja u kkundannatha ammenda ta' ghoxrin lira Maltin (Lm20);

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmija OMISSIS, minnha prezentat fis-16 ta' Marzu 2007, li permezz tieghu talbet ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

1. L-aggravju ta' l-appellanti huwa bazikament li l-ewwel qorti, ghalkemm fis-sentneza taghha esponiet korrettement il-ligi applikabbli in materja, meta giet biex tezamina l-provi akkwiziti erroneament ikkonkludiet li kien hemm l-estremi tar-reat in dizamina, cioe` r-reat kontemplat fil-paragrafu (*ll*) ta' l-Artikolu 338 tal-Kap. 9. Effettivament, ghalhekk, l-appell huwa essenzjalment wiehed ibbazata fuq l-apprezzament tal-provi. Skond l-appellanti hija tat access ta' bintha D.T. lil zewgha. Inoltre tikkontendi li jekk dana l-access ma sehhx, dan gara minhabba "raguni xierqa" kif kontemplat fl-imsemmi paragrafu[40].

2. Il-Qorti kompetenti ta' Ghawdex, bid-digriet taghha tas-6 ta' Gunju 2006, kienet ordnat li l-access tal-missier f'dan il-kaz jigi ezercitat ***"…taht is-sorveljanza ta'* social worker *mid-Dipartiment tal-Harsien tal-Familja f'Ghawdex, b'dana illi dan l-access jista' jigi ezercitat kuljum mit-Tnejn sal-Gimgha, f'hinijiet li jigu mifthema mas-*social worker *li qed isegwi dan il-kaz u l-partijiet."*** Dan l-arrangament gie in segwitu modifikat, b'digriet tat-28 ta' Lulju 2006 minn dik l-istess Qorti, fejn gie ordnat ***"…illi l-omm m'ghandhiex tkun prezenti waqt l-access, u lanqas ikun hemm il-htiega tal-presenza ta'* social worker *waqt il-hinijiet ta' l-istess access."*** Mill-provi prodotti quddiem l-ewwel qorti, jidher li dawn kienu d-disposizzjonijiet applikabbli ghall-periodu inkriminat.

3. Din il-Qorti taqbel perfettament ma' dak li jinghad fis-sentenza appellata, anke fuq l-iskorta ta' sentenza ta' din il-Qorti (Qorti ta' l-Appell

[39] Dawn ma humex l-inizzjali veri tat-tifla – Qorti ta' l-Appell Kriminali.

[40] "Huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku kull min…meta ordnat jew ordnata mill-Qorti jew kif marbut jew marbuta bil-kuntratt biex jaghti jew taghti access lil wild taghha, jirrifjuta jew tirrifjuta li jaghmel jew taghmel hekk minghajr raguni tajba."

Kriminali), diversament komposta, tas-17 ta' Frar 2005 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Isabelle Cilia**, fis-sens li l-paragrafu (*ll*) in dizamina jimporta element ta' *positive obligation* da parti ta' min ikollu l-kura u l-kustodja tal-minuri. Fi kliem iehor, ma hux bizzejjed li dak li jkun ma jfixkilx l-access tal-parti l-ohra (fil-kaz in dizamina, tar-ragel) izda hemm ukoll l-obbligu li l-parti li jkollha l-kura u l-kustodja "taghti access", espressjoni li timplika, fil-kazijiet kongruwi, li min ikollu l-kura u l-kustodja ghandu fizikament jikkonsenja il-wild lill-parti l-ohra. Fil-kaz **Cilia**, *supra*, gie ritenut li r-rifjut ta' tifel ta' ghaxar snin li jmur ghand missieru, probabbilment ghax kien jara lil ommu tibki u ghalhekk b'sens ta' lealta` lejha ma kienx irid imur ghand missieru, ma kienx jezonera lill-omm milli fizikament tikkonsenja lil dan it-tifel lill-missier. Kif inghad f'dik is-sentenza, l-ordni tal-qorti civili kompetenti kellu jigi rispettat u osservat *ad unguem* u ma setax ***"…jigi evitat biss bl-agir testard ta' tifel ta' ghaxar snin li zgur ma jipprezenta ebda diffikulta` biex jigi konsenjat fizikament, anke okkorrendo kontra r-rieda tieghu, mill-omm lill-missier. Altrimenti jigi li dan it-tifel ckejken ikun qed jassumi poteri ta' qorti ta' appell jew ta' revizjoni biex jibdel hu l-ordni tal-qorti."*** Jizdied jinghad li kieku din il-Qorti ma kellhiex tinsisti fuq l-osservanza skrupoluza tal-ordni tal-qorti civili kompetenti, ikun ferm facli ghal min ikollu l-kura u l-kustodja tal-minuri li taht l-icken pretest jevita l-obbligu tieghu li "jaghti access"; ikun ukoll facli li dan l-obbligu jigi eluz billi, kif sfortunatament spiss jigri, it-tfal jigu manipulati, direttament jew indirettament, bi kliem, gesti jew anke b'semplici atteggjament da parti ta' min ikollu l-kura u l-kustodja biex dawn "jirrifjutaw" li jmorru mal-parti l-ohra. Mill-banda l-ohra wiehed ma jridx jinsa wkoll li anke t-tfal jistghu jippruvaw jisfruttaw u jimmanipulaw is-sitwazzjoni, hafna drabi ta' tensjoni u pika, li jkunu jinsabu fiha l-genituri, a beneficcju taghhom, u dak li jkunu "jridu" jew "jixtiequ" it-tfal ma hux neccessarjament fl-interess veru taghhom.

4. Mill-provi akkwiziti jidher li l-missier f'dan il-kaz kien qed ikollu access piu` o meno regolari ghat-tfla D.T. sal-21 ta' Lulju 2006. F'din id-data, pero`, inqala' incident fic-Centru Hidma Socjali ta' Ghawdex (fejn il-missier kien qed jezercita d-dritt ta' access tieghu ghal bintu) fejn l-appellanti anke refghet idejha fuq zewga, u effettivament fis-7 ta' Settembru 2006 hija instabet hatja ta' ksur tal-bon-ordni u li hebbet ghal zewgha u kkagunatlu offizi ta' natura hafifa. Minhabba f'hekk, l-ufficjal inkarigat minn dan ic-Centru ma halliex lill-genituri jigu aktar hemm sakemm ikun hemm ordni iehor tal-qorti kompetenti. Kif rajna, fit-28 ta' Lulju 2006 kien hemm it-tieni digriet, u mid-dokumenti ezibiti – ara in partikolari fol.12 – jidher li fil-31 ta' Lulju u fl-1 ta' Awissu 2006, l-access sehh regolarment billi l-omm gabet it-tifla u hallietha mal-missier fic-Centru. Fit-2 ta' Awissu, izda, it-tifla, li ingiebet minn ommha sac-Centru, irrifjutat li thalli lil ommha u tmur mas-*social worker* biex jehodha ghand missierha li kien qed jistenniha gewwa. F'din l-okkazjoni, wara li t-tifla bdiet tibki, kienu l-ufficjali tac-Centru stess li rrikmandaw li l-access ma jsirx u l-omm intbaghtet taghmel rapport fil-Ghassa tal-Pulizija, u l-missier gie infurmat b'dak li kien gara mill-imsemmija ufficjali. Fit-3 ta' Awissu l-appellanti hadet it-tifla c-Centru u, minkejja certu riluttanza inizjali da parti tat-tifla, wara li din intrefghet mis-*social worker* u ttiehdet gewwa ***"…D.T. ran to her father who picked her up."*** (fol. 13 tal-atti). Fl-4 ta' Awissu l-

appellanti ma haditx lit-tifla c-Centru ghax qalet li l-istess tifla ma kienitx tiflah u kienet qed tibki (fol. 13). Ghalkemm hija stess irrappurtat telefonikament dan il-fatt lill-Pulizija – ara kopja tal-okkorrenza a fol. 28 u 29 – baqa' ma gie prodott ebda certifikat mediku li jikkonferma r-raguni ghala t-tifla ma ttiehditx ghall-access, u f'dawn il-proceduri l-appellanti ghazlet li ma tiddeponix. Dak li gara f'din id-data huwa, ghalhekk, sufficjenti biex jintegra r-reat ipotizzat (anke jekk mhux, ghall-mument, fil-forma kontinwata tieghu). Fis-7 ta' Awissu l-appellanti regghet ma tfaccatx ic-Centru, u meta l-ufficjal inkarigat mic-Centru cemplilha, hija infurmatu li kienet bit-tifla Malta fl-ufficji tal-"Appogg" "for minor's session with therapist as ordered by court" (fol. 14). Anke hawn baqghet ma ngabitx prova ta' dan is-suppost ordni tal-qorti (u ghalhekk wiehed issa jista' jitkellem dwar reat kontinwat). Kien hemm okkazzjonijiet ohra fejn l-access sehh regolarment (ez. fil-11 ta' Awissu), okkazjonijiet ohra fejn dana l-access beda izda kellu jigi terminat minhabba li t-tifla bdiet tibki (ez. 9/8 u 14/8), u okkazjonijiet ohra fejn l-appellanti, ghalkemm hadet lit-tifla c-centru, din irrifjutat li tidhol tara lil missiera (wiehed ma ghandux jinsa li t-tieni digriet tal-Qorti civili kompetenti, dak tat-28 ta' Lulju 2006, kien jghid espressament li l-omm m'ghandhiex tkun prezenti waqt l-access, jigifieri li t-tifla kellha tkun ma' missierha mhux fil-presenza tal-omm). F'dawn l-okkazjonijiet jidher li l-ufficjali tac-Centru kienu tal-fehma li m'ghandhomx jisfurzaw lit-tifla li tara lil, u/jew tibqa' ma', missierha. Ghandu jigi precizat li mill-atti ta' din il-kawza ma jirrizultax x'kienet ir-raguni ghala t-tifla kienet qed tirrifjuta li tara lil missierha – jew ghall-anqas li tarah fl-assenza tal-omm (ara n-notament tad-29 ta' Awissu 2006, a fol. 18) – u meta xehdet il-psikologa Dr Miraille Vila fl-udjenza tal-4 ta' Mejju 2007, dina fissret li ma lehaqx kien hemm sessjonijiet bizzejjed mat-tifla u mal-genituri taghha biex hija, cioe` l-istess psikologa, tkun tista' tiddetermina x'qed jikkawza l-atteggjament tat-tifla.

5. Minn dan kollu jidher, ghalhekk, li ghalkemm teknikament kien hemm okkazzjonijiet (mill-anqas tnejn) fejn l-omm – l-appellanti – kisret id-disposizzjoni tal-Artikolu 338(*ll*), wiehed ma jistax jghid li hija ma ppruvatx f'okkazzjonijiet ohra tikkopera mal-awtoritajiet tac-Centru biex l-access isehh. Jista' jaghti l-kaz li hija nghatat pariri zbaljati dwar x'kellha taghmel f'kazijiet partikolari, pero` ma jistax jinghad li hawnhekk ghandna l-kaz tipiku ta' genitur li, sforz il-pika mal-genitur l-iehor, qieghed kontinwament, direttament jew b'mod subdolament travisat, jisfida l-ordni tal-qorti ta' kompetenza civili.

Ghalhekk fic-cirkustanzi partikolari ta' dan il-kaz din il-Qorti tilqa' in parti biss l-appell u konsegwentement, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu sabet lill-appellanti hatja skond l-imputazzjoni dedotta, thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannatha ammenda ta' ghoxrin lira u minflok u ghal din id-darba, wara li rat l-Artikolu 22(1) tal-Kap. 446, tilliberaha minghajr kundizzjoni (*absolute discharge*).[41]

[41] App Nru 114/07

Dakinhar ma saret ebda allegazzjoni da parti ta' OMISSIS dwar abbuz sesswali.

Il-Qorti hadet nota ukoll tal-wiehed u sebghin (71) kawza fejn OMISSIS kienet akkuzata bl-istess kontravvenzjoni kontemplata fl-artikolu 338(*ll*) tal-Kodici Kriminali.[42] Fil-21 ta' Mejju, 2009 dawn il-kawzi kienu gew differiti *sine die'*. Id-dati tal-allegat ksur huma bejn is-snin elfejn u sitta (2006) u elfejn u sebgha (2007).

Id-difiza fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha ssostni illi:

> "dan l-*iter* juri li OMISSIS kienet ezawriet l-iskuzi sabiex ma taghtix access lill-esponent skond id-Digriet 32/2006 tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni tal-Familja. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet ittemperat il-piena erogata mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala qorti ta' gudikatura kriminali fit-8 ta' Marzu, 2007 "ghal din id-darba". Kien proprju hawnhekk li OMISSIS ikkargat id-doza kontra l-esponent bl-allegazzjonijiet taghha. Sfortunament irnexxiet fil-pjan taghha tant li l-ammont konsiderevoli ta' kawzi kriminali fil-konfront taghha gew addirittura differiti *sine die*."

Il-prosekuzzjoni u l-*parte civile* fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom jaghtu din il-versjoni:

> "L-imputat jitkellem ukoll dwar il-frekwenza tal-access u l-ottempranza mad-digriet tal-Qorti da parti ta' OMISSIS. OMISSIS infatti fuq domanda tal-avukat tieghu: "*Did your former wife abide by the court rulings?*" Huwa jirrisppondi: "*Rarely very rarely*." F'din il-parti tax-xiehda ma hemmx

[42] a fol. 954 et. seq

referenza diretta ghall-liema perjodu l-imputat qed jghid li OMISSIS kwazi qatt ma ottemprat ruhha mad-digriet tal-Qorti.

Detto cio' pero, l-esponenti umilment jisottomettu illi din id-dikjarazzjoni u l-istampa li qed jipprova jpingi l-imputat ma hijiex wahda shiha u korretta. A skans ta' ripetizzjoni l-esponenti jaghmel referenza ghal dik il-parti mit-testimonjanza ta' Peter Paul Portelli li xehed li sa dakinhar li sar ir-rapport mill-genituri rispettivi, l-access kienet wiehed regolari u kollox kien miexi sew[43]. Apparti minn hekk, iktar tard fit-testimonanzja tieghu l-imputat juri kif del resto dan l-allegat nuqqas da parti ta' OMISSIS allegatament sehh wara l-indicent meru ta' din il-kawza. Ghar-rigward imbaghad ta' dak li seta' gara wara r-rapport in kwistjoni, ossia wara Marzu 2006, l-esponenti umilment jirrilevaw is-segwenti:

a) Huwa biss OMISSIS li jghid li OMISSIS ma kinitx qed tosserva d-digriet tal-Qorti. Xhieda ohra li kienu qed isegwu dan il-kaz iddikjaraw li l-omm kienet tiehu lit-tifla ghall-access li kien ikun supervizjonat izda t-tifla ta' da parti taghha kienet hafna drabi taghmel plejtu u tibqa' imqabbda ma' ommha b'dan li taghmilha cara li ma riditx tmur ghall-access ma' missierha[44].
b) Dan il-fatt però huwa differenti mill-allegazzjoni li OMISSIS kienet taqbad u tiddeciedi li ma tiehux lit-tifla ghall-access.[45]
c) Dwar il-fatt li t-tifla kienet tibqa' imqabbda ma' ommha u tkunx trid thalliha jixhduh ukoll diversi nies li tkellmu mat-tifla inkluz *child psycholigists* li kellhom diffikultà sabiex ikellmu lill-minuri wehidha.
d) Apparti minn hekk, *dato ma non concesso* li OMISSIS ma kinitx qed tosserva d-digriet tal-Qorti dwar l-access, x'inhuwa l-izjed verosimili ghal omm f'dawk ic-cirkostazni: li nonostante li ghandha suspetti li hemm abbuz ghaddej kontra t-tifla mill-missier, u nonostante li t-tifla baqghet ghaddejjha tinsisti li ma tridx tmur mal-missier, hija xorta wahda tkompli tibghat lit-tifla tiltaqa' ma' missierha b'riskju li t-trawma tibqa' tikber? Jew huwa iktar verosimili ghall-omm li rinfaccata b'dawk ic-cirkostanzi toqghod iktar b'seba' ghajnejn fl-interess ta' bintha?

## Ix-xhieda ta' OMISSIS

[43] A fol 100 et seq
[44] A fol 103
[45] Peter Paul Portelli sahansitra jghid li kien hemm okkazzjonijiet fejn l-omm kienet iccempillu sabiex imur id-dar biex jikkonvinci lit-tifla tmur ghall-access mal-missier, u OMISSIS kienet tkun preokkupata meta t-tifla kienet turi dan l-attegjament.

Ix-xhud OMISSIS xehdet fl-istadju tal-provi tal-prosekuzzjoni in ezami u anke in kontro-ezami. Apparti minn hekk, meta l-provi qalbu ghall-istadju tal-provi tad-difiza hija kienet regghet xehdet in kontro-ezami[46].

Ix-xhud spjegat li ghalkemm hi u zewgha l-imputat OMISSIS kienu ghaddejjin minn process ta' separazzjoni, tghid '*jien u r-ragel konna qed nimxu b'mod sewwa, tant illi jien kont anke nkellmu u ngharrfu rigward il-bzonnijiet tat-tifla li kienet ghadha zghira....nghid li f'dan iz-zmien ir-relazzjoni ta' bejnietna kienet wahda sewwa f'dak li jirrigwarda it-tifla fis-sens illi jiena kont anke nhallih jara t-tifla fil-granet u l-hinijiet meta hu ma kellux acccess bl-ordni tal-Qorti, anki kont inhallih jaraha meta kien hemm il-btajjel pubblici"*[47].

Ix-xhud spjegat li minn Jannar 2006, meta l-imputat mar joqghod go appartament wahdu gewwa r-Rabat, ix-xhud tghid li kien imur jigbor it-tifla ghall-access, kien jistenniha fil-kantuniera tat-triq fejn toqghod hi, kien icemplilha kif jasal hdejha sabiex tmur taghtih it-tifla, u wara kien jitlaq. L-istess kien jigri meta jirritorna lura bit-tifla.

Ix-xhud spjegat li fl-ahhar ta' Frar u bidu ta' Marzu 2006, f'gurnata meta l-imputat kellu access tat-tifla, kien cemplilha fuq il-mobile phone taghha u nfurmaha *"li t-tifla kienet qed tibki u kienet qed tghidlu li trid tirremetti u ma tistax tiehu nifs u kienet qed tghidlu li ma riditx tigi lura d-dar."* Kif semghet hekk OMISSIS talbet li tkellem lil OMISSIS fuq it-telefon fejn tghid li t-tifla qaltilha *"li riedet tigi d-dar izda ma riditix tirkeb fil-karozza ma' missierha."* Minhabba dan, ix-xhud infurmat lill-imputat li kienet ser tmur ghaliha hi stess. Kif marret sabet lill-intimat barra bit-

---

[46] Seduta tat-28 ta' April 2011.
[47] A. Fol. 12

tifla, u ghalkemm ma kienetx qeghda tibki, setghet tara "*minn ghajnejha li kienet bkiet hafna*".[48] Ix-xhud tispjega li OMISSIS marret tigri fuqha u ma riditx ticcaqlaq. Hekk kif kienu ser jitilqu x-xhud qalet lil bintha sabiex taghti bewsa lil missierha u tghidlu li kienu sejrin izda t-tifla bdiet tirrifjuta taghmel dan.[49] Meta OMISSIS staqsiet lill-imputat dwar dak li kien gralha t-tifla, hi tghid li l-imputat qallilha "*li ma kienx jaf u li kienet bdiet tibki ghal xejn b'xejn*". Meta baqghet tinsisti sabiex tkun taf x'kien gara lit-tifla, ix-xhud tghid li l-imputat qalilha "*kien qed jibqa jirrabja*" baqa jinsisti "*jien mhux diga ghidtlek! Ma nafx xi gralha*".

Ix-xhud spjegat li meta dahlet lit-tifla fil-karozza, staqsietha ghalfejn kienet qed tibki u x'kien gara. Tghid li OMISSIS wegbitha bil-kliem "*But Daddy was very careful*". Ix-xhud hasset li OMISSIS li kien ghad ghandha 3 snin, ma kinetx taf tuza dak it-tip ta' vokabularju u ghaldaqstant baqghet skantatha meta wiegbet b'dak il-mod.

Ix-xhud dwar dan kompliet tixhed li meta marret id-dar maghha nnutat li OMISSIS kienet tidher assenti u kwieta hafna. Peress li x-xhud baqghet issaqsiha jekk kienx gralha xi haga, tghid li bintha qaltilha li '*ma tistax tghidli u li ma riditx tghidli*". Hawnhekk ix-xhud tghid li bintha regghet bdiet tibki u turi diffikulta' sabiex tiehu n-nifs. Kif rat hekk ix-xhud ukoll kienet agitata, tant li anke hi bdiet tibki waqt li tghannaq lil bintha maghha peress li din ghaliha kienet l-ewwel darba li rat lit-tifla tikkomporta ruhha b'dan il-mod.

---

[48] A. fol 13
[49] A.Fol 13

Ix-xhud spjegat li dakinhar stess, meta kien sar il-hin tal-irqad, hekk kif hadet lil bintha fit-toilet, regghet staqsitha jekk kienx gralha xi haga, u kien hawnhekk li skont ix-xhud l-minuri qaltilha *"I can't tell you because it is a secret story"*. [50] Hawnhekk OMISSIS tghid li peress li OMISSIS kellha tweety bird soft toy li tant thobb, qaltilha biex tghid is-secret story lil tweety. Fix-xiehda taghha ix-xhud tghid li OMISSIS tghid lit-tweety bird *"I don't like it when my daddy puts his pink nail"* waqt li tindika ghal bejn saqajha u tghid li *"it's his cucci nail"*.

**Xhieda ohra prodotti mill-Prosekuzzjoni**

L-**<u>Ispettur Louise Calleja</u>**[51] xehdet li f'Ottubru tal-elfejn u sitta (2006) kienet irċeviet telefonata fejn kien hemm allegazzjoni ta' abbuż sesswali fuq tifla ta' tlett (3) snin, ċertu OMISSIS, allegatament kienet qed tiġi abbużata minn missierha, ċertu OMISSIS.

Ix-xhud spjegat li OMISSIS u ommha kienu marru l-uffiċċju taghha tal-Vice Squad, fejn OMISSIS kienet spjegatilha li kienet qegħda fis-separazzjoni mar-raġel tagħha, kellhom tifla OMISSIS li kien għad għandha tlett (3) snin, u ġurnata fost l-oħrajn, kien xi Marzu tal-elfejn u sitta (2006), din kienet mal-papà tagħha, kien ċemplilha l-imputat OMISSIS u kien qallha li kienet qegħda tibki u li riedet tmur id-dar. Kienet marret għaliha l-mummy ta' OMISSIS flimkien ma' oħtha u minn dakinhar it-tifla kienet tkellmet mal-mummy tagħha li kien qed idejjaqha

[50] A Fol 14
[51] Seduta tal- Ħamis, 24 ta' Lulju 2008

l-papà tagħha fis-sens illi semmiet "*pink nail*", kienet għamlet riferenza għal xi ħaġa li kienet iddejjaqha fil-parti privata tagħha.

F'Novembru tal-elfejn u sitta (2006) kienu ġabulha kopja tar-rapport imhejji minn Denise Borg li kienet issuggeriet lill-omm biex tiehu t-tifla ghandha, fejn imbagħad wara li rat il-konkluzzjonijiet kif ukoll ir-recommendations ta' Denise Borg baghtet għall-allegat *abuser*.

Fid-dsatax (19) ta' Diċembru tas-sena elfejn u sitta (2006) kienu telghu Għawdex flimkien mat-team tiegħha tal-Vice Squad, kienu marru fuq ix-xogħol tal-imputat. Kienet saret tfittxija, kienu hadu l-computer tiegħu kif ukoll l-affarijiet personali tiegħu. Marru d-dar ta' ommu fejn hemmhekk ukoll saret tfittxija u kienu elevati oggetti ohra relatati ma' computers.

Ix-xhud spjegat li tkellmet miegħu fejn staqsejtu ċertu affarijiet dwar is-sitwazzjoni tiegħu mal-mara. Spjegalha dwar is-separazzjoni.

Ix-xhud spjegat li fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Diċembru tas-sena elfejn u sitta (2006), huwa rrilaxxja stqarrija.

Ix-xhud spjegat li tkellmet ukoll ma' Ruth Sciberras min-naħa tal-Aġenzija APPOĠĠ u qaltilha li kien hemm rapport min-naħa tagħhom, però li huma kienu għadhom ma waslux biex jirreferu l-każ lill-pulizija.

Ix-xhud qalet li OMISSIS kienet għamlet allegazzjoni maghha illi OMISSIS kellu xi ħbieb fi ħdan l-Aġenzija APPOĠĠ u li għalhekk ma kinitx qed turi fiduċja fl-operat tagħhom.

Ix-xhud spjegat li rriżultalha wkoll li OMISSIS kienet għamlet complaint lill-Kummissarju għat-Tfal li dak iż-żmien kienet Sonia Camilleri.

Kontro-ezaminata mid-Difiża jekk kinetx taf li l-computer li ġie elevat mill-pussess ta' OMISSIS kien fil-pussess esklussiv għal perjodu ta' sitt (6) xhur ta' OMISSIS wiegbet illi din l-informazzjoni hija ma tafhiex.

Ix-xhud **Ex WPC 64 Connie Cauchi**[52], spjegat li fid-dsatax (19) ta' Diċembru tas-sena elfejn u sitta (2006) kienu telghu Għawdex hi, l-Ispettur Louise Calleja, u surġent minn tas-Cyber Crime. Kienu arrestaw lill-imputat u dakinhar kienu għamlu tfittxijiet kemm fil-post tax-xogħol tiegħu kif ukoll fir-residenza tal-ġenituri tiegħu u fil-ġaraxx fejn minn hemmhekk kienu elevati xi computers.

Ix-xhud spjegat li l-imputat meta kienu marru għalih qalilhom li kien qed jistenna li l-pulizija kienu ser jiġu għalih biex jarrestawh, kemm omm u kemm missier l-imputat kienu ippanikjati ħafna, b'mod partikolari lill-omm l-imputat kienet kważi fi stat ta' esteriżmu, kienet qisha taħt xokk. Ix-xhud qalet li kko-operaw magħhom u bl-ebda mod ma ostakolawhom.

[52] Seduta tal-Ħamis, 4 ta' Settembru 2008

Is-**<u>Supretendent Paul Caruana</u>**[53] xehed li fid-dsatax (19) ta' Diċembru tas-sena elfejn u sitta (2006) l-Ispettur Louise Calleja mill-Vice Squad kienet talbet l-assistenza tas-section taghhom. Il-computers li kienu elevati waqt l-istharrig f'Ghawdex ġew trasferiti għas-Cyber Crime Unit fejn fis-Cyber Crime Unit huma għamlu analiżi. L-inkarigu tagħhom kien li jfittxu affarijiet marbutin ma' abbuż tat-tfal.

Fil-laboratorju tagħhom qalghu l-*hard drives* kollha fejn l-Ispettur Louise Calleja tathom tlett (3) key words li huma Shippet, OMISSIS u Paedo. Mis-searches li għamlu minħabba dawn il-keywords fil-hard drives kollha għalkemm sabu ftit kliem jimmeċċjaw, mhumiex kliem marbutin ma' dan il-każ; huma parti minn kliem oħrajn li ma jirriżultawx marbutin ma' dan il-każ. Ix-xhud spjega li fittxew ukoll f'emails, internet, stampi, u ma sabu l-ebda materjal marbut ma' dan it-tip ta' affarijiet.

Il-***<u>clinical psychologist</u>* <u>u</u> *<u>psychotherapist</u>* <u>Denise Borg</u>**[54] xehdet li kienet giet ingaggata minn OMISSIS li kienet ippreokkuptata fuq l-imġieba tat-tifla tagħha peress li kienet qed tidher disturbata u lanqas ma riedet tmur skola. Dan seħħ f'Ottubru tas-sena elfejn u sitta (2006).

Ix-xhud spjegat li ghall-appuntament li tathom OMISSIS ġiet flimkien mat-tifla tagħha kif ukoll mal-ġenituri tagħha u ċioe' mal-ġenituri ta' din OMISSIS. Ġew għal tlett (3) appuntamenti: wieħed fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ottubru; wieħed fit-tletin (30) ta' Ottubru u wieħed fil-wieħed u

---

[53] Seduta tat-Tlieta, 24 ta' Frar 2009
[54] Seduta tat-Tlieta, 8 ta' Jannar 2008

tletin (31) ta' Ottubru. Fi żmien ta' dawn l-appuntamenti t-tifla kellha tlett (3) snin.

Ix-xhud spjegat li hija kienet rat lit-tifla f'dawn it-tlett (3) okkażjonijiet iżda rajtha flimkien mal-omm għax it-tifla dehret li ma kinitx komda li tkun waħidha maghha. Ix-xhud tghid li meta rat lit-tifla hija kellha tlett snin u erba' xhur u nnutat li kienet intellettwalment pjuttost avvanzata għall-età tagħha t-tifla.

Ix-xhud spjegat dwar il-laqgha li kellha mat-tifla *"niftakar illi fl-ewwel inkontru li kelli mat-tifla jiena qgħadt nilgħab magħha sabiex inġibha komda li tkun tista' tkellimni mingħajr ma nagħmillha ħafna pressure jew inkella nikkaġunalha xi trauma. F'waħda mill-konversazzjonijiet li jiena kelli mat-tifla hija qaltli li kienet qed tibża' li tmur l-iskola għaliex kienet qed tibża' li ommha ma tmurx lura għaliha. Ngħid illi t-tifla fil-fatt tikkonversa bil-lingwa Ingliża u għalhekk meta staqsejtha għala qed tibża tmur l-iskola u qed tibża li ommha ma tiġix lura għaliha, hija qaltli bil-lingwa Ingliża, "my dad tells me that." Meta aħna tkellimna fuq il-membri tal-familja tagħha jiena għamilt dan bl-għajnuna ta' pupi zgħar tal-plastik u meta ġejna biex nitkellmu dwar missierha ngħid illi t-tifla dawwret wiċċha u ngħid illi ma xtaqitx tkompli din il-konversazzjoni u fil-fatt biddlet anke d-diskors."*

Ix-xhud tispjega li fit-tieni okkażjoni *"jiena kellimt lit-tifla erġajna bdejna nilgħabu b'doll's house li jiena għandi fl-uffiċċju tiegħi li fiha hemm pupi zgħar. Minbarra l-membri tal-familja hemm pupi ukoll li jirrappreżentaw tabib,bidwi u nurse. Ngħid illi aħna bdejna nilagħbu u t-tifla dheret illi qabdet żewġ pupi żgħar u bdiet tippretendi li dawn ma jifilhux, kienu morda, u jiena staqsejtha,*

*"Do you ever play doctors with your mum?" u hi qaltli, "Yes, but on my own." Meta staqsejtha jekk tilgħabx "doctors" ma' missierha, hi qaltli, "Yes, but real ones." Jiena staqsejtha, "real games? How?" u hi qaltli, "he would tickle my ċiċċu." Jiena staqsejtha, "How?" u hi qaltli, "like this," u messet il-parti privata tagħha. U jiena għidtilha, "Show me on Dora," għax ġabet il-pupa magħha dak inhar; u hi bażikament poġġiet subagħajha ħdejn il-parti privata ta' din il-pupa Dora. U jiena għidtilha, "And did you tell him to stop?" u hi qaltli, "yes." U jiena għidtilha, "and did you like that?" qaltli, "no." "and what did he say?" u hi qaltli, "I don't know." U jiena għidtilha, "and did he use his fingers?" u hi qaltli, "yes." And I said, "how many?" u hi qaltli, "one, two, three," urietni s-subgħa t-tumb u ż-żewġ swaba. U jiena għidtilha, "and did he ever put anything there?" Qaltli, "yes, toys." U jiena għidtilha, "hard ones or soft ones?" u hi qaltli, "hard." U jiena għidtilna, "were you dressed when this happened?" u hi qaltli, "yes." I told her, "was your father dressed?" u hi qaltli, "yes." Imbagħad wara dan id-djalogu jiena għidtilha, "so have you been seeing your daddy?" u qaltli, "No." għidtilha, "why not?" u hi qaltli, "because I don't want to." Għidtilha, "why not?" u qaltli, "because he tickled my ċiċċu," il-kelma li użat.*

Ix-xhud spjegat li fit-tielet session "*staqsejtha jekk hi qatt raqdet id-dar tal-papà tagħha u hi qaltli le. U għidtilha tixtieq tagħmel hekk u hi qaltli le. Imbagħad għidtilha, "did you have secrets with daddy?" u hi qaltli, "yes." Imbagħad ħarset 'il hemm u ma riditx tkompli titkellem miegħi, ħarset 'il hemm u ma riditx tkompli. Imbagħad wara ftit x'ħin kompliet tilgħab qaltli li kienet taqbeż fuq is-saqqijiet, qaltli, "I often jump on the mattresses," meta marret id-dar ta' missierha u qaltli, hi qaltli li kienet qed tagħmel hekk mingħajr ħwejjeġ – ma saqsejthiex din, hi qalet."*

Ix-xhud spjegat illi minn dawn l-inkontri setghet tosserva li t-tifla kienet għaddejja minn xi tip ta' trauma.

Ix-xhud spjegat li *"mis-sessions li jiena kelli mat-tifla jiena dherli li t-tifla kienet determinata f'dak li kienet qed tgħid u ma dherlix illi ommha kienet b'xi mod imlietha qabel dawn is-sessions sabiex tgħid dawn l-affarijiet. Fil-fatt hi fl-ebda mument ma kienet qed tħares lejn ommha meta kienet qed tirrakkontali dawn l-affarjiet. Fil-fatt dherli ukoll li dak il-ħin it-tifla kienet qed tiddeċiedi hija stess jekk għandhiex tgħidli xi ħaġa jew le. Waqt dawn is-sessions it-tifla ma semmiet l-ebda persuna oħra li kienet qed tabbuża minnha ħlief għal missierha. Ngħid li waqt dawn is-sessions anke l-atteġġjament ta' l-omm kienet newtrali u fl-ebda mument ma dheret li kienet qed timbotta jew tissuġġerixxi lit-tifla biex tgħid dawn l-affarijiet. Fil-fatt l-omm kienet determinata li fil-preżenza tat-tifla hija ma titkellimx fuq dawn l-affarijiet. Ngħid illi fil-fatt l-omm anke qaltli li qabel ma t-tifla rrapportatilha dawn l-affarijiet ma kellha l-ebda oġġezzjoni sabiex tinbena relazzjoni bejn il-missier u t-tifla. Fil-fatt hija qaltli li fil-fhema tagħha kien dherilha li jekk it-tifla jkollha relazzjoni tajba kemm mal-missier kemm ma' l-omm hija kienet ser tbagħti anqas mill-effett tas-separazzjoni tagħhom."*

Waqt il-kontro-ezami taghha wiegbet:

*"…nghid li huwa possibbli li jiena rrifjutajt illi nkellem lil OMISSIS jew li ntih appuntament peress li kien dherli li dan kien kaz ta' Qorti u ghalhekk jiena ma nkunx nista' naccetta iktar xoghol."*[55]

*"Qed nigi mistoqsija jekk jien fil-fatt cempiltx lil missier sabiex naghmel appuntament u cioè laqgha bejn it-tifla u l-missier u nghid illi professjonalment jiena dan ma nistax naghmlu. Nghid illi fil-fatt jiena ma jidhirlix li ghandi ncempel lil missier sabiex nghidlu b'dan; jiena li kien jikkoncernani t-tifla biss."*[56]

<u>**It-tabib John Xuereb Dingli**[57]</u> xehed li *"l-ewwel darba li jiena eżaminajt lit-tifla kien fl-erbatax (14) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħamsa (2005) u ċioé qabel ma kienet bdiet din l-istorja. Ngħid illi fil-fatt it-tifla kienet ingabet għandi sabiex isirilha check-up ġenerali u fil-fatt dak inhar hekk għamilt u ma kien hemm ebda problema sabiex nagħmel dan iċ-check-up u ma kien hemm ebda problema fl-imġieba tat-tifla.*

*Fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006) u ċioé madwar sitt (~ 6) xhur wara niftakar li kien is-Sibt filgħaxija u kienet ġiet tkellimni l-omm għaliex kienet preokkupata fuq xi mġieba tat-tifla tagħha. Ngħid illi fil-fatt hija kienet preokkupata u talbitni sabiex neżamina lit-tifla għaliex kienet qed <u>tibża' li kien sar penetrative sex fuq din it-tifla</u>*[58]*. Meta l-omm kienet qed tgħidli dan ngħid li t-tifla ma kinitx preżenti quddiemi fil-clinic iżda kienet qegħda tistenna barra. Meta OMISSIS qaltli b'dan jiena għidtilha li preferebilment ikun aħjar li t-tifla tiġi eżaminata minn espert u dan l-espert ikun nominat mill-*

---

[55] a fol. 77
[56] a fol. 78
[57] Seduta tat-Tlieta, 8 ta' Jannar 2008
[58] Enfasi tal-Qorti

*Qorti. Dana peress li jiena m'inhix espert f'dan il-kamp u għalhekk bdejt nibża li dak illi ngħid jien ma jistax jittiehed bħala konklużjoni l-Qorti."*

Ix-xhud ghamilha cara li ma kellu l-ebda prova ta' xi abbuz, inkluz ebda prova medika oħra: *jiena nagħmel ċertifikat mediku f'żewġ okkażjonijiet, waħda biex nistabilixxi x'inhi s-sitwazzjoni u ċioé nirrapporta x'inhi sitwazzjoni u nagħmel ċertifikat mediku wkoll sabiex wara li nkun eżaminajt pazjent biex nistabilixxi x'inhi l-kondizzjoni medika tiegħu. F'dan il-każ jiena kont għamilt dan iċ-ċertifikat fejn stabilejt x'kienet is-sitwazzjoni u dak kollu li jiena niżżilt f'dan iċ-ċertifikat kien minn informazzjoni li jiena ksibt mingħand OMISSIS. Jiena lit-tifla fl-ebda mument ma eżaminajtha, u kif diġà xhedt, jiena ma kelli l-ebda prova oħra*[59].

Ix-xhud **Peter Paul Portelli[60]** xehed li l-ewwel li sar jaf kien lil OMISSIS peress li dan ġie riferut għandu minn ċertu Father Borg mill-Cana Movement. Dan ġie għandu peress li kellu nkwiet fil-familja tiegħu u riedu jgħinu sabiex huwa jkun jista' jara lit-tifla tiegħu. Wara li l-imputat spjegalu l-problemi familjari kien tah parir sabiex ifittex avukat.

Ix-xhud spjega li kien irċieva digriet maħruġ fi..OMISSIS mill-Qorti Ċivili, Sezzjoni tal-Familja (Għawdex) fejn huma gew mitlubin bħala Taqsima Soċjali biex isegwu l-każ tas-Sinjuri OMISSIS. It-Taqsima Soċjali kienet ġiet inkarigata mill-Qorti mhux minħabba *supervisory access visits* iżda sabiex huma jissorveljaw li l-missier kien qed jingħata aċċess għal

[59] a fol. 89

[60] Seduta tal-Hamis, 28 ta' Frar 2008

bintu b'mod regolari. Ix-xhud spjega li dan l-aċċess kien wieħed regolari sal-mument li l-imputat kien għadu jirrisjedi mal-ġenituri tiegħu.

Ix-xhud spjega li fil-bidu ta' Frar tas-sena elfejn u sitta (2006) OMISSIS mar jgħix waħdu f'appartament ġewwa Victoria fejn baqa' jara lit-tifla waħdu u l-aċċess kien wieħed regolari.

Ix-xhud spjega li fit-tmienja (8) ta' Marzu tas-sena elfejn u sitta (2006) il-missier wera x-xewqa li t-tifla tqatta' aktar ħin miegħu u anke torqod miegħu, għal din il-ħaġa l-omm oġġezzjonat.

Ix-xhud spjega illi fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Marzu tas-sena elfejn u sitta (2006) il-missier kien irrappurtalhom illi waqt li t-tifla kienet għandu hija kienet ħassitha ma tiflaħx u qalilhom ukoll illi hija bdiet tgħidlu li waqt li kienet qegħda fit-toilet hija ma setgħetx tieħu nifs. Huwa nfurmhom li kien ċempel lil ommha li kienet ġiet mal-ewwel biex tiġborha. Huwa beda jsostni magħhom li t-tifla qaltlu li bdiet tisma' xi affarijiet u kienet qed tgħidlu li ma kinitx qed tħossha sew.

Ix-xhud spjega li l-omm tagħthom ukoll il-verżjoni tagħha fejn hija qaltilhom li fil-bidu tal-vista t-tifla kienet sew iżda lejn l-aħħar hija bdiet tgħid li ma kinitx qed tħossha f'sikkitha. Ix-xhud spjega li sa dan il-mument u ċioe' sa meta nqala' dan l-inċident huma qatt ma raw għajn ħażina min-naħa tal-omm li dejjem ikkoperat magħhom.

Wara r-rapport tal-missier l-omm qaltilhom illi bdiet tissuspetta li kien gara xi ħaġa ħażina, għaliex fejn qabel hija kienet tħalliha tgħinha meta

kienet tmur it-toilet, qaltilhom li wara din il-vista hija mhux biss ma ħallithiex tmur magħha fit-toilet iżda lanqas biss riditha tħares lejha.

Ix-xhud spjega li l-imputat OMISSIS kien ċempel fejn qal li huwa kien irċieva sms mingħand OMISSIS dwar dak illi OMISSIS qaltilha li kien jiġri meta huma kienu jilagħbu bil-Barbies flimkien.

*"Meta ngħid "jilagħbu bil-Barbies flimkien" qed infisser waqt li l-omm u t-tifla kienu qegħdin jilagħbu bil-Barbies flimkien. Biex nikkwota ezatt il-kliem preciz li kien hemm fuq dan l-sms, dawn kienu bl-Ingliż u kienu s-segwenti: "to get the big pink/orange nail that daddy uses to play with them. She also asked her to put off the lights like daddy does." Jiena ma nistax niftakar jekk fil-fatt OMISSIS urienix dan l-sms jew le. L-omm bdiet tinsisti ma' OMISSIS illi xi ħaġa "weird was happening." OMISSIS għalhekk kien qalilna illi huwa kien qed iħoss illi OMISSIS kienet qed takkużah li qed jimmolesta sesswalment lil binthom, u li dan ma kienx minnu. L-għada fil-fatt kienet ġiet ukoll tkellimna OMISSIS; kienet ikkonfermat dak kollu li kien qalilna OMISSIS u kienet qaltilna ukoll illi meta staqsiet lit-tifla fejn missierha jżomm dan il-"pink nail" hija kienet ippuntat – il-kliem eżatt li uzatilna OMISSIS – "between her legs."*

*Fil-ħdax (11) ta' April tas-sena elfejn u sitta (2006) inħareġ digriet mill-Qorti tal-Familja fejn il-missier kien qed jiġi awtorizzat jara lil bintu biss fl-uffiċċju tad-Dipartiment tal-Ħarsien tal-Familja f'Victoria, Għawdex. Bl-istess digriet ukoll il-Qorti kienet innominat psikologu mill-Aġenzija Appoġġ sabiex issegwi dan il-każ u tirrappora lill-Qorti fi żmien qasir kemm jista' ikun.*

*Fuq nota ġenerali għandi ngħid illi t-tifla ma kinitx iktar trid tkun mal-missier jekk ma tkunx hemm preżenti ukoll magħha l-omm. Minn meta ngħata dan id-digriet aħna lit-tifla ukoll bdejna narawha b'mod regolari anke fl-aċċess li kien qed isir ic-Ċentru u bdejna fil-fatt aħna ninnotaw dan l-atteġġjament, ċioé li t-tifla ma riditx tkun waħidha mal-missier jekk ma jkunx hemm magħha preżenti ommha.*

*Ngħid illi fil-fatt OMISSIS kienet kważi dejjem iġġibha lil bintha ċ-Ċentru għall-aċċess skond id-digriet tal-Qorti. Ngħid illi wara li saret medjazzjoni kien ġie aċċettat illi l-omm tkun preżenti waqt dawn l-access visits u ngħid illi fil-fatt meta l-omm kienet tkun preżenti l-aċċess favur il-missier fil-maġġjor parti tiegħu kien dejjem iseħħ. Għandi ngħid illi waqt dawn l-aċċess diment li t-tifla kienet tara l-preżenza ta' ommha viċin tagħha hija kienet tmur sew ma' missierha. Fil-fatt aħna ħallejnihom u tajnihom aċċess anke għall-bitħa taċ-Ċentru. It-tifla kienet iġġib it-toys magħha u kienet tilgħab ma' missierha.*

*Fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Lulju tas-sena elfejn u sitta (2006) ġara inċident waqt l-aċċess fejn wara li jiena wissejt lill-koppja sabiex ma joqgħodux jillatikaw fil-preżenza tat-tifla, ngħid illi l-missier ħin minnhom għajjar lil omm bil-kliem: "you wanted to abort her!" hawnhekk għandi ngħid illi l-omm xejjret idejha u laqtet lil missier b'daqqa ta' ħarta fuq wiċċu. Nikkonferma illi meta l-omm kellha din ir-reazzjoni hija bdiet tgħid illi dak li kien qed jallega l-missier ma kienx veru. Kien hawnhekk fejn jiena ma ppermettejtx aktar lill-koppja jiltaqgħu fit-Taqsima u għalhekk informajt lill-Qorti b'dan.*

*Fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Lulju ta' dik is-sena niftakar li kien ingħata digriet mill-Qorti fejn il-Qorti kienet iddeċidiet illi l-omm m'għandhiex tkun*

*preżenti waqt il-ħin ta' l-aċċess kif ukoll li ma kienx hemm bżonn li s-social worker ikun il-ħin kollu preżenti waqt il-ħin ta' l-aċċess. Ngħid illi għall-bidu dan l-arranġament ukoll kien qiegħed jirnexxi. Ngħid illi l-omm kienet takkompanja lit-tifla barra l-bini taċ-Ċentru. Minn hawnhekk it-tifla kienet tinġabar minn social worker li kien ikun hemm preżenti, kienet tiddaħħal ġewwa ġoċ-Ċentru, biex inkun preċiż ġol-bitħa ta' l-istess, fejn hemmhekk imbagħad it-tifla kienet tara lil missierha. Ngħid illi hawnhekk it-tifla ma kinitx turi riluttanza sabiex tmur għand missierha.*

*Ngħid illi f'dan il-perjodu ta' żmien l-omm bdiet ittella' lit-tifla sabiex taraha l-psikologa ta' l-Aġenzija Appoġġ ġewwa Malta. Nippreċiża illi f'dan il-perjodu ta' żmien it-tifla bdiet issibha diffiċli u ċioé ma kinitx tkun trid iktar tiġi għall-aċċess flimkien ma' missierha u ċioé tara lil missierha. Dana nafu anke jiena personalment peress illi kont nara lit-tifla ma kinitx tkun trid tmur iktar għand missierha; kien hemm okkażjonijiet fejn l-omm anke kienet iċċempelli sabiex immur id-dar. Jiena kont immur u kont nara b'għajnejja li t-tifla assolutament ma kinitx tkun trid tmur tara lil missierha. Għandi ngħid ukoll illi kont nara lil omm preokkupata meta t-tifla kienet turi dan l-atteġġjament.*

*Fid-disgħa (9) ta' Awissu tas-sena elfejn u sitta (2006) jiena għandi din l-entry ġol-file tiegħi; ngħid illi għandi din l-entry peress illi mhux dejjem jien kont immur sabiex ngħaddi t-tifla lil missier iżda kien ikun hemm social workers oħra u jiena kont nitlobhom sabiex jagħmlu entry fil-file kull darba. Ngħid illi l-entry tgħid hekk: "OMISSIS came running to her father who just arrived. After a ten minute session OMISSIS was heard crying and we informed Peter Paul Portelli. For several minutes Peter Paul and OMISSIS tried to calm the youngster down but she kept crying stating that she wants to go home."*

*Ngħid illi f'dan il-ħin jiena kont fl-uffiċċju tiegħi u fil-fatt smajt lit-tifla tibdi. Dan kien biki qawwi u kien qisu biki inkontrollabbli tant illi jiena ħassejt illi jiena kelli nohrog mill-uffiċċju tiegħi sabiex nara x'ġara. Fil-fatt ngħid illi l-minuri aħna bl-ebda mod ma stajna nikkalmawha; hija bdiet tinsisti magħna li trid lil ommha u għalhekk jiena ddeċidejt li nċempel lil omm li fil-fatt ġiet għaliha u haditha d-dar. Ngħid illi jiena bdejt nipprova nistaqsi lit-tifla x'kien ġara iżda hija ma tagħtni l-ebda spjegazzjoni; staqsejt ukoll lil OMISSIS x'kien ġara però lanqas huwa ma kien spjegali dak li kien seħħ.*

*Ngħid illi wara din l-okkażjoni OMISSIS kienet iġġib it-tifla għall-aċċess skond id-digriet iżda kull darba konna nippruvaw nikkonvinċu lit-tifla tidħol tara lil missierha u hija assolutament ma kinitx tkun trid tarah. Ngħid illi jiena pruvajt anke indaħħal social workers nisa sabiex forsi jkellmuha u jippruvaw jikkonvinċuha tara lil missierha iżda assolutament dan ma rnexxielniex nagħmluh għaliex baqgħet tinsisti li lil missierha ma riditx tarah.*

*Ngħid illi quddiem OMISSIS kienet tipprova tipperswadi lit-tifla u tinsisti magħha sabiex tmur tara lil missierha iżda t-tifla xorta waħda kienet tibqa' tirrifjuta. Jiena rrid ngħid li b'mod ġenerali l-omm dejjem kienet iġġib it-tifla għall-aċċess. Kien biss f'xi okkażjonijiet meta forsi t-tifla kienet tkun ma tiflaħx jew ikun hemm xi inċident illi hija ma kinitx iġġibha.*

*Fl-erbgħa (4) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sitta (2006) it-Taqsima Soċjali kienet ġiet infurmata illi t-tifla kienet bdiet tattendi l-iskola tax-Xagħra u għalhekk l-omm ma setgħetx tkompli iktar twassalha għall-aċċess. Fl-għaxra (10) ta' Ottubru ta' l-elfejn u sitta (2006) ngħata digriet mill-Qorti fejn il-Qorti*

*rriżervat li tieħu l-provvedimenti opportuni wara li jkun ġie ppreżentat ir-rapport tal-psikologa mill-Aġenzja Appoġġ.*

*Fis-sbatax (17) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sitta (2006) ingħata mbagħad digriet mill-Qorti fejn il-Qorti kienet awtorizzat lil missier ikollu aċċess għal bintu fil-ħin tal-brake ġewwa l-iskola stess. Minn hawnhekk għalhekk it-Taqsima tal-Ħidma Soċjali ma baqgħetx iktar issegwi l-każ. Minn wara dana għalhekk aħna qatt ma erġajna kellimna la lil OMISSIS u lanqas lil OMISSIS. Jekk kien hemm xi okkażjoni fejn kien iċempilli xi ħadd mill-partijiet – fil-maggjor parti forsi kienet iċċempilli OMISSIS – jiena kont dejjem nirriferihom għand l-avukat tagħhom.*

*Ngħid illi OMISSIS kienet ta' spiss tilmenta miegħi dwar l-attitudni li kienet qed tiehu l-Aġenzija Appoġġ għar-rigward ta' dan il-każ. Kienet qed tilmenta li l-aġenzija kienet qed tieħu wisq żmien sabiex tasal għall-konklużjoni fuq dan il-każ. Meta hija kienet tgħidli dan id-diskors jiena kont nirriferiha għand l-avukat tagħha u kont ngħidilha sabiex isir pressure anke fuq il-Qorti sabiex l-aġenzija tikkonkludi l-każ tagħha.*

*Ngħid illi fil-fatt OMISSIS kienet infurmatni li kienet anke kellmet lill-Kummissarju għat-Tfal dwar il-mod kif kienu qed jimxu l-Aġenzija Appoġġ magħha u kienet iddaħlet il-Kummissarju għat-Tfal f'dan il-każ. Nikkonferma illi għalkemm l-Aġenzija Appoġġ m'għandhiex uffiċċji hawnhekk f'Għawdex però nista' nikkonferma li hemm nies Għawdxin jaħdmu fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ.*

*Għandi ngħid illi waqt il-ħin ta' l-aċċess jiena kont nosserva li t-tifla kienet iggib ruħha b'mod normali fil-konfront ta' missierha u kienet tilgħab miegħu u anke meta kienet tarah, kienet titlaq tiġri għal fuqu. Ngħid illi meta hija bdiet tinsisti li jkun hemm l-omm preżenti u fil-fatt l-omm kienet tkun preżenti, it-tifla ukoll kienet l-attitudni tagħha lejn missierha kien ikun wieħed normali.*

Ix-xhud **<u>Margaret Abela[61]</u>**, *social worker* fi hdan ic-*Child Protection Unit* xehdet li fi żmien ta' dan il-każ hi kellha kariga ta' social worker fi ħdan iċ-Child Protection Unit u kienet involuta f'dan il-każ bejn wieħed u ieħor minn Marzu tas-sena elfejn u sitta (2006) sa Ġunju tas-sena elfejn u sitta (2006).

Ix-xhud spjegat li biex issegwi l-kaz wara rapport li kien daħal minn omm il-minuri OMISSIS, ċertu OMISSIS fiċ-Child Protection Unit għar-rigward ta' imġieba mhux tas-soltu illi kienet qed tosserva fit-tifla tagħha. F'dak iż-żmien kienet ġiet nominata ċertu Maria Camilleri bħala espert mill-Qorti sabiex tagħmel rapport dwar dan il-każ. Ix-xhud spjegat li bdew jaħdmu id f'id.

Ix-xhud spjegat li meta bdew jinvestigaw dan il-każ kellhom inkontri kemm mal-omm kif ukoll mal-minuri fejn l-allegazzjonijiet li kienet qed tagħmel OMISSIS kienu serji ħafna u kienu jikkonċernawhom fix-xogħol taghhom iżda meta pruvaw ikellmu lil OMISSIS kien diffiċli ħafna għaliex it-tifla bdiet turi li ma riedet tikkomunika b'xejn magħhom. Meta kienu jippruvaw inkellmuha hija kienet tibda tibki mal-ewwel u

[61] Seduta tal- Ħamis, 4 ta' Settembru 2008

kienet turihom li ma kinitx trid tkellemhom. Anke meta kienet tillarga ommha ftit 'il bogħod hija mal-ewwel kienet tibda tibki, għalkemm huma kien jippruvaw bis-sistemi li jużaw fil-konfront tat-tfal, anke bit-tpinġijiet u ċertu diskors familjari għat-tfal, jikkonvinċuha sabiex tkellemhom.

Ix-xhud spjegat li kienu ssuġġerew li titqabbad psychologist ħalli tkun tista' tipprova tifhem il-komportament ta' din it-tifla, kemm l-omm kif ukoll OMISSIS, missierha, kienu qalbu li dan is-psychologist li kellu jiġi nkarigat biex ikellem lil din it-tifla għaliex minħabba l-età tagħha ta' tlett (3) snin, kif ukoll minħabba s-separazzjoni li kienet għadha kemm seħħet bejn il-ġenituri tagħha ftit xhur qabel allura kien ikun iktar diffiċli biex huma jidentifikaw ir-raġuni għal imġieba tagħha.

Ix-xhud spjegat li dak iż-żmien bdiet taħdem magħhom is-psychologist Mirei Vila fejn -aħħar kuntatt li kellha maghha, hi kienet infurmathom illi anke hi għalkemm psychologist qed issibha diffiċli biex tikkomunika ma' din it-tifla speċjalment meta ommha ma kinitx tkun preżenti, u tgħid illi anke bis-sistemi tagħha ma kienx qed jirnexxielha tikkomunika ma' din it-tifla.

Ix-xhud spjegat li minhabba din ir-reazzjoni li kellhom min-naħa tal-minuri huma ma setghux jaslu għall-konkluzjoni għar-rigward tal-allegazzjonijiet li kienu qegħdin isiru u għalhekk peress li ma kienux jafu jekk dawn kinux fondati jew le, huma kienu rrakkomandaw li jsir l-aċċess xorta però minħabba f'dawn l-allegazzjonijiet jkun *under supervision.*

Ix-xhud spjegat illi hija flimkien mal-court expert Maria Camilleri ddeċidew li jattendu għal waħda minn dawn is-sessions tal-aċċess *under supervision* ġewwa Għawdex. Spjegat li huma qagħdu xi ftit appartati sabiex la l-missier u lanqas il-minuri ma jindunaw bihom. Minn osservazzjonijiet li huma għamlu dakinhar illi għalkemm l-omm kienet baqgħet mal-minuri però osservaw li t-tifla kellha komportament normali mal-missier, huwa beda jerfagħha, jilagħab magħha u anke bdiet tiżfen miegħu. Ix-xhud spjegat li aktar tard kienu regghu ghaddew u osservaw illi l-minuri kienet qegħda waħidha ma' missierha fejn osservaw li l-komportament tal-minuri kien wieħed normali u hi kienet qegħda tiġri u ddur u tilgħab bir-rota viċin missierha.

Ix-xhud spjegat li dan ma seta' jwassalhom għal ebda konkluzzjoni għar-rigward l-allegazzjonijiet li kienu qegħdin isiru u xorta waħda hassew li l-aċċess kellu jibqa' under supervision sakemm issir xi tip ta' konklużjoni.

Ix-xhud spjegat li kienu ssuġġerew li jsir xi eżami mediku mill-ispeċjalista tagħhom Dottor Mariella Mangion li hija speċjalista fuq il-qasam ta' abbuż sesswali fuq minuri. Madanakollu meta nġiebet it-tifla biex tiġi eżaminata minn din it-tabiba, ir-reazzjoni tagħha kienet waħda għal kollox negattiva. It-tabiba bdiet tgħid lit-tifla li kienet se teżaminalha griżmejha, iżda kif qabdet sabiex tibda teżaminaha din it-tifla bdiet twerżaq u tibki u bdiet tiggranfa ruħha ma' ommha u ma ħallietx lit-tabiba teżaminaha. It-tabiba ma kinitx ratha normali li t-tifla lanqas tħalliha teżaminalha griżmejha u għalhekk hija kienet issuġġeriet

illi jsir eżami bil-loppju. It-tabiba kienet fissret lil omm illi din ma kinitx l-aħjar soluzzjoni però fiċ-ċirkostanzi ma setgħetx tagħmel mod ieħor sabiex tiġi eżaminata t-tifla u biex it-tifla wkoll ma tkunx taf x'qed isirilha. Kien sar l-appuntament sabiex isir dan l-eżami iżda l-omm sussegwentement lit-tifla ma kinitx ġabitha għal dan l-eżami peress illi kienet qaltilhom illi kienet titħasseb ħafna minħabba l-fatt illi t-tifla kellha tieħu l-loppju. Mil-lat mediku dan baqa' ma sarx u ma sar xejn konklussiv.

Ix-xhud spjegat li l-omm kienet haditilhom ċertifikat ta' tabib li kien imniżżel fih illi l-omm kienet ħadet it-tifla għandu sabiex tiġi eżaminata però f'dan il-każ lanqas it-tabib ma rnexxielu jeżaminaha u sussegwentement huwa minħabba l-allegazzjonijiet li kienu qegħdin isiru wkoll irrefera l-każ liċ-Child Protection Unit.

**<u>Is-*service manager* tac-*Child Protection Unit* Ruth Sciberras</u>**, fuq talba tal-prosekuzzjoni, esebiet il-*file* tal-Agenzija Appogg u stqarret li ma kien hemm xejn irregolari f'dan il-*file*[62]. Dawn il-brani huma whud mill-*entries* relattivi li jirreferu ghal fatti riskontrati mill-awturi li x-xhud Margaret Abela xehdet dwarhom u li huma relevanti ghal dan il-kaz:

> *"Però, kull meta ssemma missierha hija ma dehritx imbezzgha jew konfuza izda minhabba l-età tenera taghha kull meta ppruvajna nindagaw fuq is-suggett, hija aktar iffukat fuq fejn hi ommha jew fuq il-gugarelli u l-loghob u ghalhekk ma fethitx maghna fuq is-suggett."*
>
> …

[62] A.fol. 343

*"Irrizulta izda, li wara li ahna tlaqna minn fuq il-post ta' l-access, (biex ma nfixklux l-access) l-omm dehret hierga ftit warajna fejn marret tiltaqa m'ommha u ohtha li kienu f'kafeterija fil-vicin. Din id-darba OMISSIS m'ghamlet l-ebda rejazzjoni. Fil-fatt ahna ergajna osservajniha (bil-mohbi) ghal xi hin u rajniha li baqghet tilghad ma' missierha. Hija mil-bidu dehret li ghandha relazzjoni tajba ma' missierha.*

*"Dan il-fatt gie kkonfermat ukoll mis-social worker t'Ghawdex Peter Paul li qal li waqt l-access hu gieli jkun hemm, u ghalhekk gieli jkun jista' josserva l-imgieba tat-tifla. Huwa accertana li t-tifla tidher li ghandha relazzjoni tajba hafna ma' missierha li min-naha tieghu hu wkoll jaf imur maghha."*

…

*"OMISSIS assigurana li hu zgur ma jasal qatt biex iweggha lil bintu li ddeskriviha bhala l-aktar haga ghaziza li ghandu. Huwa stqarr li hu jhossu mweggha hafna li martu u l-familja taghha kellhom l-hila jaslu s'hawn, ghaliex biex jivvendikaw ruhhom minnu qed jippruvaw ihammguh u fl-istess hin bil-minacci taghhom li juzaw lit-tifla, mhux jirrealizzaw kemm qed jaghmlulha hsara lit-tifla li hija innocenti."*

…

*"Waqt il-home visit fl-appartament tieghu, OMISSIS uriena dak kollu li ghandu x'jaqsam mat-tifla, il-hafna ritratti taghha li hu hadilha u li qieghdin ssejvjati fuq il-computer tieghu, toys u d-diversi tpingijiet u crafts li huma kienu ghamlu flimkien waqt il-hin ta' l-access meta kienet tkun ghandu (qabel saru l-allegazzjonijiet). Fil-fatt, kien hemm diversi tpingijiet u crafts li ghamlet OMISSIS nnifisha li kienu*

*imdendlin mal-kmamar. Huwa sostna li hu jghozz kull haga li ghandha x'taqsam ma' bintu.*

*"Min-naha taghna fittixna kemm stajna kemm fil-kmamar ta' l-appartament kif ukoll fuq il-computer ghal xi evidenza li tista' twassalna ghal xi informazzjoni dwar l-abbuz, izda irrizultalna fin-negattiv. Ghal-kuntrarju l-affarjiet li sibna kienu kollha pozittivi ghaliex kienu biss affarjiet sbieh u addattati ghat-tifla."*

*…*

*"Minhabba f'hekk [li l-esponent qatt ma qallu dwar chatting fuq l-internet], Dun George [Ta' Kana f'Ghawdex] iddeskriva lil OMISSIS bhala giddieb, izda zied jghid li huwa ma jemminx li OMISSIS seta abbuza mit-tifla. Minn dak li huwa sema' kemm min-naha ta' OMISSIS u l-familja taghha, kif ukoll min-naha ta' OMISSIS, huwa jemmen li din l-affari ta' l-abbuz setghet giet imkabbra min-naha tal-familja ta' OMISSIS. Hu jahseb li minn haga ckejkna ghamlu muntanja. Skond hu, kull imgieba li ddeskrivewlu li taghmel it-tifla, huwa kollu normali fi tfal ta' l-età taghha, specjalment fis-sitwazzjoni tas-separazzjoni tal-genituri imma minhabba s-suspett li dahlilhom, huma qed jaraw kollox minn dik il-lenti."*

*…*

*"[Laner Cassar li huwa psikoterapista] …stqarr li minn kif jaf l-affarjiet hu (anke mil-passat), u kif graw l-affarjiet dan l-ahhar, huwa*

*ma jemminx li OMISSIS abbuza mit-tifla ghaliex huwa cert li jhobbha wisq u zgur li ma jaghmel xejn biex iweggaghha. Huwa jhoss li l-allegazzjonijiet setghu saru b'vendetta lil OMISSIS ghaliex jafu li bit-tifla zgur jistghu iwegghuh. Huwa wkoll ihoss li jekk veru t-tifla biddlet xi ftit l-imgieba taghha, dan jista' jkun l-effett tas-separazzjoni tal-genituri taghha li hija t-tnejn thobb u trid tgawdihom flimkien. Meta mistoqsi jekk nies li jaghmlu uzu mis-'cyber sex' jistghux bil-fors ikunu pedofili, Laner accertani li le."*

Illi fil-konkluzjoni ta' dan ir-rapport jinghad hekk:

*"…minn dak li rajna ahna u mil-informazzjoni migbura min-nies kompetenti, deher car li r-relazzjoni tal-missier mat-tifla hija tajba. Barra hekk, __**Dun George**[63]__ jahseb ukoll li din l-istorja ta' l-allegazzjoni ta' l-abbuz giet xi ftit imkabbra min-naha tal-familja materna.*

*"Il-fatt li t-tifla biddlet xi ftit l-imgieba taghha jew li setghet giet xi ftit iddisturbata, jista' jkun li hu effett tas-separazzjoni tal-genituri taghha. Dan gie msemmi wkoll minn __**Laner**[64]__."*

Ix-xhud __**Mireille Vila**[65]__, *clinical psychologist* li tahdem mal-Agenzija Appogg xehdet li:.

*Jiena clinical psychologist u naħdem l-APPOĠĠ. Jiena kont ġejt nominata mill-Qorti Ċivili sabiex wara li neżamina lill-minuri*

[63] Enfasi tal-Qorti. Dun George u Laner ma ngabux jixhdu f'dawn il-proceduri
[64] Ibid.
[65] Seduta tat-Tlieta, 19 ta' Mejju 2009

*OMISSIS nirrapporta lill-Qorti dwar il-problemi tagħha. Ngħid illi jiena l-aħħar li rajt li OMISSIS kien tlett (3) snin ilu. Ngħid illi b'kollox naħseb li rajt lil din il-familja madwar sitt (~6) darbiet.*

*Niftakar li l-ewwel darba kienet ġiet tkellimni l-omm ta' din it-tifla. Meta ngħid li kienet kellmitni, kellmitni permezz tat-telefon. Ngħid illi fil-fatt meta kellmitni kont irriferejtha lill-Aġenzija Appoġġ u għidtilha sabiex tirrapporta l-każ hemmhekk. Fil-fatt naf illi hija kienet irrappurtat dan il-każ ġewwa l-Aġenzija Appoġġ. Ngħid illi l-omm kienet tiġi flimkien mat-tifla u ngħid illi t-tifla kienet turi illi ma kinitx qed tieħu gost tiġi. Ngħid illi t-tifla kienet tibda tibki meta kienet tiġi għandi. Ngħid illi jiena dwar dan l-allegat abbuż, li naf hu minn dak illi qaltli l-omm. Ngħid illi t-tifla lili qatt ma qaltli xejn – għallinqas mhux b'mod dirett. Għandi ngħid illi t-tifla jiena dejjem rajtha fil-preżenza tal-omm. Qatt ma kellimtha waħidha peress illi t-tifla ma kinitx tkun trid tħalli lil ommha u kienet tibda tibki.*

*Għandi ngħid illi jiena lil missier rajtu darba biss. Għandi ngħid ukoll illi meta jiena urejt ix-xewqa sabiex nara lill-minuri fil-preżenza tal-missier ngħid illi lit-tifla ma ġabuhilix iktar.*

*Ngħid illi jiena kont ilni naħdem mal-Aġenzija Appoġġ sa mis-sena elfejn u ħamsa (2005). Ngħid madanakollu li jiena llum m'għadnix naħdem mal-Aġenzija Appoġġ. Ngħid illi minn April tas-sena elfejn u ħamsa (2005) sa madwar Settembru tas-sena elfejn u sebgħa (2007) jiena kont naħdem b'mod dirett mal-Aġenzija Appoġġ. Wara din il-data jiena kont naħdem bħala contractee biss mal-Aġenzija Appoġġ. Għandi*

*ngħid illi jiena kif diġà xhedt, kont irriferejt lis-Sinjura lejn l-Aġenzija Appoġġ peress illi hawnhekk kien każ ta' allegat abbuż fuq minuri u ħassejt illi ma kienx etika illi nitratta dan il-każ privatament iżda kelli nirriferiha għall-Awtorità li titratta l-abbuż fuq it-tfal.*

*Ngħid illi jiena meta ħadt il-każ f'idejja wara nomina mill-Qorti ngħid illi jiena mill-Aġenzija Appoġġ f'Għawdex ħadd ma avviċinani u lanqas ħadd ma kellimni mid-Dipartiment tal-Ħarsien għal Familja f'Għawdex. Ngħid illi Peter Paul Portelli lili qatt ma kellimni fuq dan il-każ. Ngħid illi llum iltqajt miegħu l-ewwel darba hawnhekk il-Qorti. Ngħid illi lanqas lil ċertu Nancy Portelli qatt ma kellimtha. Għandi ngħid illi quddiemi t-tifla kienet għamlet xi tpinġijiet li jiena dherli li kienu aħażżiżiet u mhumiex relatati mal-każ. Ngħid madanakollu li l-omm kienet ġabitli xi ritratti dwar xi tpinġijiet tat-tifla.*

*Qed niġi mistoqsija jekk it-tifla qatt għamlet xi tpinġijiet ta' monsters, ngħid illi fil-fatt it-tifla għamlet xi tpinġijiet quddiemi li l-omm imbagħad indikatli li dawn huma monsters. Però ngħid illi t-tifla lili qatt ma qaltli xejn lili. Għandi ngħid illi fil-fatt jiena ma dherlix li dawn kienu monsters u t-tifla qatt ma qaltli li dawn il-monsters jirrappreżentaw lil missierha.*

*Qed niġi mistoqsija jekk dawn it-tpinġijiet għadhomx għandi llum, għandi ngħid illi etikament aħna wara li jgħaddi ċertu żmien inqattgħuhom u għalhekk ngħid illi fil-fatt kont ħallejt xi karti warajja meta tajt handover però l-affarijiet li kelli jien privatament kont ittrashjajthom. Ngħid illi hija policy li wara ċertu żmien anke dawn id-*

*drawings ta' dawn it-tfal niddisponu minnhom. Qed niġi mistoqsija jekk jiena dherlix li kelli nqatta' dawn it-tpinġijiet għalkemm kont naf li kien hemm proċeduri fil-Qorti ngħid illi jiena kont qed insegwi l-etika professjonali tal-psikoloġi. Għandi ngħid illi jiena fil-fatt ma kontx għamilt rapport f'dan il-każ; ma jidhirlix li jiena fil-fatt qatt għamilt xi rapport. Ngħid illi biss tlajt nixhed il-Qorti.*

*Ngħid illi jiena lill-imputat darba biss kellimtu; kien ġie l-uffiċċju ċioé l- Aġenzija Appoġġ u kont kellimtu waħdu. Għandi ngħid illi jiena m'għandi ebda record illum dwar il-laqgħat li kelli in konnessjoni ma' dan il-każ mal-partijiet. Ngħid illi jiena ddisponejt minnhom, kif diġà xhedt, għax din hija etika professjonali tagħna. Madanakollu ngħid illi aħna għalkemm ġeneralment navżaw lill-pazjenti li nkunu se niddisponu mill-file tagħhom, f'dan il-każ jiena lil ħadd mill-partijiet ma avżajt. Qed niġi mistoqsija meta fil-fatt iddisponejt minn dawn il-karti għandi ngħid illi jiena iddisponejt ftit qabel ma ġejt imħarrka biex nixhed f'din il-kawża. Ngħid illi jiena fil-fatt kont diġà iddisponejt mill-karti qabel ma ċemplitli l-Ispettur Calleja u qaltli li kelli nixhed f'din il-kawża.*

*Għandi ngħid illi fil-fatt meta jiena tlajt nixhed l-aħħar – dan kien madwar tlett (~3) snin ilu – tlajt nixhed quddiem il-Qorti u meta staqsejt qaluli li jiena mhux se jkolli għalfejn nerġa' nissejjah biex nixhed. Jiena kont għidt dak kollu li kont għamilt u dak kollu li kont naf u għalhekk ħassejt li ma kont se nerġa' nissajjah sabiex nixhed fuq dan il-każ.*

*Qed niġi mistoqsija jekk kontx naf li kien hemm proċeduri kriminali pendenti kontra OMISSIS fuq dan il-każ, għandi ngħid illi fil-fatt jiena dherli li meta tlajt nixhed l-aħħar kienet kawża kriminali.*

*Eżami tad-Difiża:*

*Qed niġi mistoqsija x'ridt infisser meta għidt illi smajt ħafna min-naħa ta' parti waħda u ftit mill-parti l-oħra, għandi ngħid illi jiena fil-fatt smajt ħafna min-naħa tal-omm u dak iż-żmien kien dherli li t-tifla kienet qed tisma' ħafna dak li kienet qed tgħidilha ommha u dak iż-żmien irriżultali ukoll illi hija ma kinitx qed tara lil missierha. Ngħid illi t-tifla kienet għadha wisq ta' età zgħira.*

*Ngħid illi minn sitt (6) sessjonijiet li jiena għamilt kien hemm waħda biss fejn jiena kelli inkontru mal-missier tat-tifla waħdu. Ngħid illi fis-sessjonijiet l-oħra jiena kellimt lil omm waħidha. Kien hemm ukoll okkażjonijiet fejn jiena kellimt lil omm u lit-tifla.*

*Qed niġi mistoqsija jekk kienx hemm somiljanza bejn it-tpinġijiet li t-tifla għamlet fil-preżenza tiegħi u t-tpinġijiet li urietni l-omm fir-ritratti li ġabet għandi, ngħid illi kien hemm xi somiljanzi fis-sens illi t-tifla għamlet tpinġijiet quddiemi ta' shapes u anke tħażżiż. Kien hemm żewġ ritratti partikolari li kienu forma ta' arjuplan fejn l-omm kienet qed tgħidli li din it-tpinġija kienet qed tindika l-parti privata ta' raġel u ċioé l-penis. Iżda jiena dherli li dawn it-tħażżiżiet kienu normali għall-età ta' tifla ta' dik l-età. Għandi ngħid illi jiena dherli li ma kellix biżżejjed evidenza f'idejja wara dawn is-sessjonijiet sabiex inkun nista'*

*nifformola opinjoni. Fil-fatt kont tlabt sabiex isiru iktar sessjonijiet. Għalhekk dherli illi kellu jsir aċċess mill-missier għat-tifla, biss taħt supervizjoni, peress illi jekk dak iż-żmien kien hemm allegazzjonijiet ta' abbuż wieħed ma setax jittratta b'mod mingħajr ma tati kas b'mod serju dawn l-allegazzjonijiet, però fl-istess waqt il-missier ma jistax jiġi mċaħħad minn    aċċess jekk fil-fatt dawn l-akkużi mbagħad jirriżultaw li mhumiex minnhom peress illi ma kellniex biżżejjed evidenza f'dak l-istadju fuq x'hiex nimxu.*

**Ix-xhieda tal-imputat**

L-imputat OMISSIS xehed quddiem din il-Qorti diversament preseduta fil-5 ta' Dicembru tas-sena 2013. Huwa spjega li ghalkemm iz-zwieg taghhom tkisser b'mod irrimedjabbli wara li OMISSIS ndunat li kien qieghed jaghmel uzu minn *chats*, dan iz-zwieg kien beda sejjer lura hafna qabel dan l-episodju fejn jispjega dwar certu ndhil minn omm OMISSIS meta kienu marru jghixu New York u rritornaw jghixu lura Ghawdex. Spjega li lejn il-bidu ta' Marzu tas-sena 2006, wara li rcieva sms li fih issemmiet il-frazi "*pink nail*" huwa beda jissuspetta li OMISSIS kienet ser taghmel xi allegazzjonijiet fil-konfront tieghu. Huwa rrapporta l-kaz lil Peter Paul Portelli s-social worker ta' Ghawdex u lil Erica Cutugno li kienet il-medjatrici taghhom. L-imputat spjega d-diffikultajiet li kellu biex jara lil bintu OMISSIS.

Tul ix-xhieda tieghu l-imputat esebixxa sensiela ta' dokumenti sabiex jispjega t-timeline dak li kien qed jghid u l-pressjoni li kien qieghed jaghmel biex jara lill-bintu OMISSIS.

Dawn id-dokumenti huma:

Dok. BT1: Email li ntbaghat f'Novembru tas-sena 2005 mill-avukat tieghu lill-medjatrici Erica Cutugno fejn qieghed jintqal li l-imputat ma kienx qieghed jara lill-bintu;

Dok. BT2: Risposta tal-11 ta' April, 2006 fejn l-imputat qieghed jichad bil-qawwa l-allegazzjonijiet li bdew isiru bil-ghan li jigi mcahhad mill-access ghall-bintu;

Dok. BT3: Kwerela tat-12 ta' April, 2006 li saret mill-imputat sabiex jittiehdu passi kriminali kontra OMISSIS ghall-allegazzjonijiet foloz taghha u *acknowledgement* mill-Pulizija datata 24ta' April ta' l-istess sena;

Dok. BT4: Ittra lill-Eccellenza Tieghu l-Isqof datata 18 ta' Mejju, 2006 fejn OMISSIS, filwaqt li talbet annullament, ghamlet diversi allegazzjonijiet fil-konfront ta' l-imputat. F'din l-ittra ma hemm ebda allegazzjoni ta' abbuz sesswali fuq bintu, izda llegat li l-imputat jipprattika s-satanizmu;

Dok. BT5: Digriet datat 6 ta' Gunju, 2006 fejn il-Qorti heggetblill-Agenzija Appogg biex tippresenta r-rapport taghha. It-talba saret sabiex l-imputat jkun jista' jara lill-bintu minghajr xkiel;

Dok. BT6: Kwerela tad-19 ta' Gunju, 2006 sabiex il-Pulizija Ezekuttiva jiehdu passi kontra l-genituri ta' OMISSIS peress li kienu ghamlu allegazzjonijiet ta' abbuz fil-konfront tieghu;

Dok. BT7: Rapport ta' l-Agenzija Appogg;

Dok. BT8: Dokument tal-5 ta' Dicembru, 2006 biex Maria Camilleri, wahda mill-awturi tar-rapport ta' l-Agenzija Appogg biex titla' tixhed fil-Qorti;

Dok. BT9: Talba ta' l-imputat datata 11 ta' Settembru, 2006 sabiex jara lill-bintu;

Dok. BT10: Dokument li juri li OMISSIS riedet tiehu l-pussess tal-vettura ta' l-imputat skont l-imputat sabiex ma jkunx jista' jara lill-bintu;

Dok. BT11: Ittra ta' l-imputat fejn qieghed jitlob informazzjoni mill-Agenzija Appogg dwar il-kaz tieghu;

Dok. BT12: Digriet tal-Qorti tal-5 ta' Ottubru, 2006 fejn l-access ghal OMISSIS gie varjat;

Dok. BT13: Digriet iehor tal-Qorti tas-17 ta' Ottubru, 2006 fejn l-access ghal OMISSIS gie varjat fuq talba ta' l-imputat;

Dok. BT14: Rikors fejn l-imputat gibed l-attenzjoni tal-Qorti ghall-fatt li d-Digriet tal-Qorti dwar l-access gie injorat minn OMISSIS;

Dok. BT15: Nota ta' l-Agenzija Appogg tat-30 ta' Novembru, 2006 fejn il-Qorti giet infurmata dwar il-komportament ta' OMISSIS;

Dok. BT16: Risposta ta' OMISSIS tat-13 ta' Frar, 2007 fejn allegat li t-tifla taghha kienet trawmatizzata bil-presenza ta' missierha;

Dok. BT17: Notifiki tal-Pulizija Ezekuttiva fejn l-imputat intalab biex jidher bhala xhud fil-kawza kriminali kontra OMISSIS.

Fix-xhieda tieghu l-imputat spjega l-effett li l-agir ta' OMISSIS halla fuqu:

*"Mostly at myself, I am angry at her and at her family, because I never imagined people of such evil calibre could actually exist to push something like this on somebody else when they obviously know that I didn't do this to my daughter. The relationship with my daughter was, we had a great relationship. So from my angle they did it to hurt me, mostly directly through my daughter. I don't know; I don't know what I could have done differently."*

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR L-AKKUZI**

Illi l-Qorti sejra issa tghaddi sabiex tara kif il-fatti ta' dan il-kaz jinkwadraw ruhhom fl-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tad-19 ta' Gunju elfejn u disgha (2009).

**<u>Reat ta' Korruzzjoni ta' minorenni taht l-Artikolu 203(1)</u>**

Illi l-Avukat Generali ndika li tista' tinstab htija jew htijiet fil-konfront tal-imputat taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli 18 u 203(1)(a)(c) tal-Kodici Kriminali.

Ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni huwa ipotizzat fl-Artikolu 203 li jipprovdi hekk:

> *"kull min, b'egħmil zieni, jikkorrompi persuna ta' taħt l-eta, tas-sess il-wieħed jew l-ieħor, jeħel, meta jinsab ħati ...*

Is-sub-artikolu (1) jelenka c-cirkostanzi aggravanti ghal dan r-reat u cioe':

a. jekk d-delitt isir bi hsara ta' persuna li m'ghalqitx l-eta ta' tnax il-sena, inkella bi vjolenza;
b. jekk d-delitt isir b'theddid jew b'qerq;
c. jekk d-delitt isir minn axxendent mid-demm jew bi zwieg jew mill-missier jew l-omm addottivi, jew mit-tutur tal-minuri, jew minn haddiehor li lilu imqar jekk ghal xi zmien, ikun gie fdat il-minuri sabiex jiehu hsiebu, jedukah, jindukrah jew izommu.

Il-Professur Mamo fin-Noti tieghu **Notes on Criminal Law**, jelenka t-tlett elementi ta' dan r-reat u cioe:

1. l-eta' tal-vittma li ghandha tkun inqas minn tmintax-il sena;

2. l-element materjali tar-reat u cioe' l-atti impudici maghmula jew fuq il-vittma jew fil-presenza tal-vittma;

3. il-korruzzjoni tal-minorenni.

Il-Professur Mamo jirrittjeni li:

> *"For the subsistence of the crime it is not necessary that the defilement shall be immediate. The very young age of the person with whom the lewd acts have been committed, does not rule out the crime, if the remembrance of such acts is calculated to cause the defilement. Indeed according to our law, if the victim is under twelve years of age, that is reason for aggravating the crime... In other words if the acts in question are lewd acts, that is apt to bring about a lesion of the moral integrity of the passive subject in respect of sexual matters, then in the absence of any indication that the said passive subject has not been affected by these acts, for example because he or she was to some degree already depraved-whoever has to judge the facts may reasonably conclude that there was actual or effective defilement."*

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Frar 1975 fl-ismijiet Il-**Pulizija v George Portelli** gie ritenut li l-gudikant ghandu jaghmel l-apprezzament tieghu tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz u jqabbel in-natura tal-att mal-grad ta' korruzzjoni gia' milhuq mill-minuri

biex jara jekk dak l-att kommess fuq il-persuna jew anke fil-presenza biss tal-minuri, jista' attwalment jinghad li bih il-persuna giet korrotta.

Fis-sentenza **Pulizija vs Andrew Bonnici**, deciza fit- 23 ta' Jannar 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet illi:

*"Tifel ta' appena tlettax-il sena li jigi espost ghall-eghmil li jaghmel l-appellant, kemm fuqu nnifsu, kif ukoll fuq il-persuna tal-istess tifel, ma jistax ma jigix korrott anke jekk forsi dak it-tifel ikun diga' jaf certi fatti tal-hajja, jew ikollu xi esperjenza sesswali. Altru esperjenza sesswali fil-kors normali tal-izvillup fizjologiku ta' dak li jkun, u altru impozizzjoni ta' sitwazzjonijiet determinati minn eghmil zieni, li manifestament jipproducu lezjoni f'integrita morali tal-minorenni."*

In kwantu jirrigwarda dan ir-reat il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) f'sentenza tat-8 ta' Jannar 1996 fil-kawza fl-ismijiet '**Pulizija vs Thomas Wiffen**' dwar l-element materjali tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni u cioe' s-segwenti:-

*"For the completed offence, and apart from the formal element of the offence, there must be the lewd act ("atto di libidine") and the actual defilement. The lewd act may be committed either on the person or in the presence of the minor. All acts which either of their very nature or of the circumstances in which they are performed are directed to the indulgence of the sexual appetite either of the agent or of the victim and are capable of arousing the sexual interest of the victim, are lewd*

*acts for the purposes of the offence in question. Francesco Carfora, writing in the Digesto Italiano in connection with Section 335 of the Zanardelli Code (which provision, as far as the elements of the offence are concerned, was identical to our Section 203) has this to say as regards the notion of "lewd acts":*

*"Atti di libidine debbono ritenersi tutti quei contatti e quelle manovre, che possono eccitare i sensi, anche se non giungono allo sfogo completo della libidine). Senza poi entrare nelle varie questioni sorte nella pratica e nella giurisprudenza circa alla valutazione di singoli atti per vedere se debbasi o no attribuir loro il carattere di atti di libidine, specie in ordine al bacio, del quale lungamente si occupa il Carrara, noi rileveremo come norma generale che gli atti, a cui si riferisce la legge, debbono essere materiali e di una certa entita' e tali da aver rapporto prossimo e diretto colle funzioni sessuali" (Vol. VIII, parte 3, p.967).*

*Lewd acts are therefore all those acts "diretti ad eccitare la propia concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le cirostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a sodisfare siffatta concupiscenza" (Manzini, V., op. cit., p. 359). The duration of these acts is immaterial for the notion of a lewd act. There is no doubt in the mind of this Court that the touching of the breasts or of the private parts of a young girl -- in the case under examination appellant's daughter was not yet twelve years old when the first acts were performed -- with the intention either of gratifying one's*

*libidinous tendencies or of arousing the sexual interest of the said girl, are lewd acts."*

Dwar ir-rekwizit tal-korruzzjoni per se l-istess Qorti tal-Appell fl-imsemmija sentenza qalet hekk:-

*"As to the requirement of actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known scientific instrument, but is something which has to be assessed by the prudent judge -- the lay judge in the case of a trial by jury, the professional magistrate or judge in all other cases -- taking into account all the circumstances of the case including in particular the age of the victim and the nature of the act or acts. Appellant, in his application, states that in order that one can speak of actual defilement "at least the curiosity or the interest of the minor should have been aroused", so that "if the minor is already strong-willed enough and rejects even the least advance by the offender" then, always according to appellant, there is no actual defilement. Now, whereas the minor's reaction is a fact to be taken into account, it is not the sole criterion, nor indeed the most important criterion, of whether or not there has been actual defilement. The defilement may be actual but its effects delayed. As Sir Anthony Mamo points out in his Notes on Criminal Law:*

*"For the subsistence of the crime it is not necessary that the defilement shall be immediate. The very young age of the person with whom the lewd acts have been committed does not rule out the crime, if the remembrance of such acts is calculated to cause the defilement. Indeed,*

*according to our law, if the victim is under twelve years of age, that is a reason for aggravating the crime" (p. 226).*

*[..] In other words if the acts in question are lewd acts in the sense above defined, that is are apt to bring about a lesion of the moral integrity of the passive subject in respect of sexual matters, then, in the absence of any indication that the said passive subject has not been affected by those acts -- forexample, because he or she was, to some degree, already depraved -- whoever has to judge the facts may reasonable conclude that there was actual or effective defilement."*

Wara li saret din l-esposizzjoni legali dwar ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni kontemplat fl-Artikolu 203 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ghandha dubju li dak li gie rakkontat minn OMISSIS jikkostitwixxix atti di libidini ghal dawn ir-ragunijiet:

Wara li x-xhud giet murija stampa, qalet li dan kien *ripped underwear* u *scissors*. F'dawn l-atti ma saret ebda prova li kien hemm xi *ripped underwear* jew xi *underwear* nieqes. Aktar 'il quddiem fix-xhieda taghha x-xhud tghid li ma tafx jekk hijiex qed tirreferi ghall-*underwear* taghha u, nonostante li l-Qorti mbaghad tghidilha li kien missierha li *ripped her underwear*, fuq domanda jekk kinitx liebsa dan l-*underwear*, hi tghid li ma tafx.

Ix-xhud taghmel referenza ghal *nail* li mbaghad tghid li l-kulur tieghu huwa *pink*. Mistoqsija fejn rat dan il-*pink nail* tghid li ma tafx izda tghid li huwa ta' *daddy*. Il-Qorti tfakkar li din hi awla tal-provi u ghalhekk ma

tistax toqghod fuq l-insinwazzjonijiet tal-prosekuzzjoni u tal-parte civile, ma hemm ebda prova ta' x'inhu dan il-*pink nail*.

Fuq domanda diretta tal-Qorti jekk dan il-*pink nail* kienx *very naughty*, ix-xhud tirrispondi fl-affermattiv. Ma saret ebda domanda konsegwenzjali dwar x'riedet tfisser bil-kelma *naughty* u kif il-*pink nail* kien *naughty*.

Rigward id-*doctor game*, ix-xhud qalet li ma tiehux gost ghax il-loghba hija *silly* u ma tiftakarx kif kienet tintlaghab din il-loghba.

Fil-parti tax-xiehda fejn issemma l-famuz *cucci* – li l-prosekuzzjoni u l-parte civile jghidu li hu "punt kardinali fit-testimonjanza ta' OMISSIS" – it-traskrizzjoni ma hijiex kompleta[66] u l-allegazzjoni li l-imputat "*pinched your cucci*" mit-traskrizzjoni hija tal-Qorti u <u>mhux tax-xhud</u>.

Ezatt wara, ix-xhud tghid li ma kienitx liebsa *pants* izda fuq domanda ohra dwar jekk kellhiex *pants* jew le hi tirrispondi li ma tafx.

Fir-rigward ta' domandi dwar *tickling*, ir-risposta tax-xhud kienet li dan isir *everywhere*. Din hija indikazzjoni cara li fl-aghar ipotesi ghall-imputat, il-famuz *tickling* ma huwa xejn ghajr loghob normali bejn missier u bintu ta' tlett snin. Dan il-fatt gie kontradett mill-imputat.

Il-Qorti wara li fliet l-atti kollha ta' dan il-kaz ma ssib l-ebda prova ta' kommissjoni ta' atti ta' libidini mill-istess imputat fuq bintu OMISSIS.

---

[66] Il-Qorti ma setghetx taffronta dak traskritt mal-audioviziv tax-xiehda ghaliex il-cassette li fuqu kienet rekordjata x-xiehda thassar. Dwar dan il-Qorti se tesprimi ruhha aktar 'il quddiem.

Fir-rigward tar-reat ta' **korruzzjoni ta' minorenni** (artikolu 203 tal-Kodici Kriminali), ma jirrizulta minn imkien mill-provi ammissibbli li l-imputat ikkommetta korruzzjoni tal-minuri OMISSIS.

**Sekwestru**

L-Artikolu 86 tal-Kap. 9 jipprovdi ghad-delitt ta' arrest, detenzjoni jew sekwestru kontra l-ligi li sar bhala mezz biex l-allegata vittma tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha.

L-Artikolu 86 tal-Kap. 9 jipprovdi li:

> "*Kull min bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lil hati, jarresta, jzomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volonta' taghha jew jaghti l-post biex fih din il-persuna tigi mizmuma jew ssekwestrata.*"

L-ewwel element ta' sekwestru jinkludi, fil-fehma tal-Qorti, it-tehid jew it-trasport ta' persuna minn persuna ohra. Hemm diversi forom li dan jista' jiehu u l-aktar wiehed komuni hu dak ta' fejn bniedem jigi mehud bil-forza. Izda dan mhux l-uniku tip ta' agir li jinkwadra f'dan ir-reat.

Huwa ovvju li hemm diversi metodi li jnehhu d-dritt ta' persuna ghal moviment liberu taghha u dan huwa t-tifsir tal-kelma "sekwestru" f'dan il-kuntest. Dan huwa wkoll evidenti mill-intestatura tas-sub-Titolu tat-

Titolu 3 tal-Kap 9 li tahtu jaqa' dan l-artikolu - L-uzu kontra l-Ligi mill-privat tas-setghat tal-Awtorita' Pubblika - li jindika li taht dan il-Kapitolu jaqa' agir li jekk kommess minn min ghandu awtorita', ma jkunx punibbli.

Fi kliem l-awturi **Smith & Hogan** l-arrest jissusisti '*by words alone if one suibmits.*' [ara Il-**Pulizija v Albert Cassar** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sittax (16) ta' Novembru 1990.]

Il-gurista Taljan Maino fil-ktieb tieghu Commento al Codice Penale jikkummenta fuq l-Artikolu 146 li huwa bhal l-Artikolu 86 taghna[67] billi jghid:

> "*Il sequestrato richiede che la privazione della liberta' sia assoluta e avvenga in circostanze tali da tagliere alla vittima ogni possibilita' di scampo o di soccorso.*"

Antolisei fil-ktieb tieghu Manuale di diritto penale[68] jghid:

> "*le fatti specie del delitto in parola si realizza anche se la privazione della liberta' non e' totale ne occorre che al paziente sia reso del tutto impossibile ogni via di scampo. E' necessario per altro che la perdita' della liberta' si protragga per un periodo di tempo di un certo rilievo.*"

Fil-fatt La Corte di Cassazzione tal-Italja b'sentenza moghtija fl-erbatax (14) ta' Jannar, 1961 ipprecizat :

> "*che la privazione della liberta' di movimento del soggetto passivo deve perdurare - per un apprezzabile lasso di tempo anche brevissimo cosi che non sarebbe rilevante solo se momentaneo e fugace*".

[67] Fol 112 paragrafu 788 Vol II.
[68] Ed. 1977 pg 134

Element importanti ghall-ezistenza ta' dan ir-reat kif imsemmi fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar, 1998, fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Andrew Bonnici** huwa li bniedem irid ikun ittiehed fil-post kontra l-volonta' tieghu.

Dwar ir-reat ta' sekwestru aggravat kontemplat fl-artikoli 86 u 87(1)(g) tal-Kodici Kriminali l-Qorti tal-Appell Kriminali, fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Debono*** *(12.02.2009)*, ghamlet referenza ghas-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Denis Pandolfino et.*** *(19.10.2006)*. F'dak il-kaz kien hemm akkuza ta' arrest illegali oltre akkuza ta' stupru u meta l-ufficjal investigattiv giet mistoqsija in kontro-ezami fuq liema provi l-Pulizija kienet ibbazat l-akkuza ta' sekwestru tal-persuna, din kienet irrispondiet li dik l-akkuza kienet bazata fuq il-fatt li l-akkuzati kienu jitilghu fuq it-tfal biex jaghmlu l-atti sesswali maghhom. Il-Qorti kienet irriteniet li:

> *"…dan il-fatt, se mai, hu ingredjent jew element ta' l-akkuza ta' stupru vjolent … jew dik ta' korruzzjoni ta' minorenni kontenut fit-Tieni u l-Hames Kapi kontra l-akkuzati rispettivi u ma jammontax ghar-reat ta' sekwestru "per se". Kieku kien hekk, kull att sesswali anki bejn "consenting adults" taz-zewg sessi kien ikun jammonta ghal reat ta' sekwestru ghax hu risaput li f'hafna kazi l-att sesswali f'certi aspetti tieghu jimplika certu mmobilizzar ta' persuna minn persuna ohra."*

Fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Mario Ellul***[69] il-Qorti rriteniet illi:

---

[69] ***Il-Pulizija vs Mario Ellul***, deciza mill-Qorti tal-Magistrati nhar is-7 ta' Jannar, 2010.

*"L-ewwel element hu dak ta' sekwestru ta' persuna u t-tieni hu li tali sekwestru jsir kontra l-volontà tal-persuna sekwestrata."*

Fuq l-ewwel element, dak ta' sekwestru ta' persuna l-Qrati irritenew li:

*"L-ewwel element ta' sekwestru jinkludi, fil-fehma tal-Qorti, t-tehid jew t-trasport ta' persuna minn persuna ohra. Hemm diversi forom li dan jista jiehu u l- aktar wiehed komuni hu dak ta' fejn bniedem jigi mehud bil-forza."*[70]

Il-Qrati Maltin meta trattaw l-artikolu 86 tal-Kodici Kriminali hafna drabi harsu lejn il-prova medika bhala prova determinanti biex jigi stabbilit jew jissusistix l-istess reat.[71]

Illi, a parti dak li ntqal f'din is-sentenza, huwa appena necessarju jinghad li, fic-<u>cirkostanzi ta' dan il-kaz</u>, sejbien ta' htija f'dan ir-reat huwa dipendenti minn sejbien ta' htija ta' korruzzjoni tal-minuri.

Fir-rigward tar-reat ta' **sekwestru** (artikoli 86 u 87 tal-Kodici Kriminali), ma hemm ebda prova li l-imputat ssekwestra lil OMISSIS.

## KONKLUZZJONIJIET

---

[70]***Il-Pulizija vs Dabia Abdul Baset,*** deciza mill-Qorti Tal-Magistrati, nhar is-17 ta' Awwissu, 2005

[71]*Ibid*; ***Il-Pulizija vs Ommissis***, deciza mill-Qorti tal-Magistrati nhar l-1 ta' Settembru, 2004; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Dominic Bonnici,*** deciza mill-Qorti Kriminali, per Imh. Dr. J Galea Debono nhar il-5 ta' Jannar, 2004 Numru 13/2002; ***Il-Pulizija Vs Mario Ellul,*** deciza nhar is-7 ta' Jannar, 2010; ***Il-Pulizija vs Russell Attard*** deciza nhar id-9 ta' Lulju, 2001.

Il-Qorti waqt li kienet qeghda thejji din is-sentenza talbet ghal kopja tal-*audiovisual recordings* ta' meta xehdet il-minuri OMISSIS, bint l-imputat fis-17 ta' April 2008. L-Amministrazzjoni tal-Qorti ta' Ghawdex wiegbet: "Ninfurmak illi f'dak iz-zmien illi din xehdet bil-mezz tal-videoconferencing l-apparat li kellna hawn fil-Qorti ta' Ghawdex ma kellux il-facilita' tar-recording; kien biss jipprovdi trasmissjoni live bejn is-sigrieta u l-awla. Dwar l-audio tape relattiv, fin-nuqqas ta' ordni specifika tal-Qorti, u wara li kienet saret it-traskrizzjoni relattiva, u kif jipprovdi l-artikolu 6 tal-Kap 284 "**Registrazzjoni Elettro-Manjetika ta' Procedimenti**" dan ukoll thassar billi f'dak iz-zmien meta konna ghadna nuzaw cassettes dawn kienu b'mod regolari, circa wara sentejn mir-recording, jithassru biex jergghu jintuzaw ghal iktar minn darba."

L-Artiklu citat jghid: *Where final judgement has been delivered or where the matter in issue has been finally resolved or where a transcription of recording has been made, the Registrar may direct that the recording be erased. Provided that the court may, either ex officio or on an application filed, within seven days from the date of the recording, by any of the parties, direct that the recording or any part thereof be not erased until such time as a counter order is given on the application of the Registrar.*[72]

Il-Qorti mhix sodisfatta b'din ir-risposta ghaliex f'dan il-kaz ix-xhieda tal-minuri kienet importanti hafna u l-*audio tape* kellu jkun issigillat u priservat fl-atti u mhux jithassar biex il-casette jintuza ghal kawza ohra. Din il-Qorti ghalkemm ilha issa aktar minn sentejn isservi Ghawdex ghadha ma tistax tifhem certu logika li biha jsir certu ragunar, u l-

[72] Email datata 29 ta' Mejju 2017

konsegwenzi li jhallu decizjonijiet infelici bhal dawn. Hemm min jisma' xi argument bhal dan u jitbissem, din il-Qorti titnikket.

F'dawn l-ahhar snin, bdiet prassi tajba li investigazzjonijiet bhal dik fil-kaz in dizamina jsiru taht il-kappa ta' inkjesta magisterjali. Sfortunatament f'dan il-kaz ma sarx hekk. Allegazzjonijiet ta' abbuz fuq tfal li jsiru minn genitur fuq il-genitur l-iehor fil-mori ta' kawzi ta' separazzjoni u/jew kura u kustodja huma kwazi dejjem, min-natura taghhom, suspetti u ghandhom ghalhekk jigu ezaminati b'kawtela u cirkospezzjoni. Peress li s-soluzzjoni ta' xi whud minn dawn il-kawzi tista' ma tkunx facli, il-kontroll ta' Magistrat Inkwirenti, li jkun jaf kemm kif il-ligijiet ghandhom jigu rispettati kif ukoll x'ghandu jsir sabiex id-drittijiet tal-partijiet kollha involuti jigu salvagwardati, hija importanti.

L-uniku xhud dirett tal-allegat akkadut hija proprju OMISSIS. Meta xehdet f'din il-Qorti ma ghamlet ebda allegazzjoni cara u univoka fil-konfront tal-imputat. Fil-kamp penali ma hemmx lok ghal interpretazzjonijiet ta' espressjonijiet vagi u ekwivoci. Il-prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha sal-grad tac-certezza morali u dan a bazi ta' provi cari u univoci. Sfortunatament, din il-Qorti xtaqet li jkollha l-konfort tal-kriterji li l-ligi taghti fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tara l-*video conferencing* li saret, liema recording ma jinsabx f'dawn l-atti.

Il-Qorti nnutat ic-cahda tal-imputat ghall-allegazzjonijiet li saru kontrih kemm mill-ewwel darba li baghtu ghalih il-pulizija kif ukoll waqt ix-xhieda tieghu u l-kontro-ezami maghmul fit-tul u b'reqqa mill-avukat tal-*parte civile*. Il-Qorti nnutat li anke meta kien mistoqsi domandi xi ftit

imbarazzanti bhal jekk qattx kien ipprattika *cybersex*[73] waqt sessjonijiet ta' chatting wiegeb fl-affermattiv u anke kkonferma li gieli kellu chats ma' nisa ohra. Il-Qorti tinnota li d-dikjarazzjonijiet kollha tal-imputat kienu dejjem konsistenti.

Il-kompitu ta' din il-Qorti hu li taghmel analizi approfondita tal-provi mressqa mill-partijiet. U wara li taghmel tali ezami, trid taghmel id-domanda jekk il-prosekuzzjoni ppruvatx il-kaz taghha skont il-ligi.

Huwa vera li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu necessarjament igib il-liberazzjoni ta' dak jew dik li jkunu gew akkuzati b'reat. Anzi, fejn hemm tali kunflitt, il-Qorti trid tkun aktar attenta fl-analizi taghha biex tara jekk hemmx xi fatt iehor rizultanti mill-atti li jista jixhet dawl fuq ir-rizoluzzjoni tal-kawza.

Din il-Qorti hekk ghamlet u wara tali analizi tinsab f'qaghda tiddikjara illi f'dan il-kaz, mehud kollox flimkien, din il-Qorti ma tpoggietx f'pozizzjoni li fiha tista legittimament tiddikjara l-htija tal-imputat skont il-ligi. Qieset kemm qieset ic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, din il-Qorti baqghet kolpita minn dubju. Fi kliem iehor, mehud kollox flimkien , il-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tilhaq il-grad tal-prova rikjest fil-kamp penali sabiex tigi dikjarata l-htija skont il-ligi.

---

[73] Il-Qorti fliet ir-rapporti li ghamlu t-taqsima tal-pulizija tas-Cyber Crime Unit u x-xhieda li taw l-istess ufficjali taqt-taqsima. Kien stabilit li mill-laptop computer, hard dives u affarijiet konnessi elevati minghand l-imputat ma nstab xejn marbut mal-abbuz tat-tfal. Il-pulizija kienu qeghdin jisthargu dwar jekk kienx hemm materjal relatat ma' *child sexual abuse* u *child pornography*. Stante li l-Qorti mhix tiddeciedi dwar x'kienu l-fatturi li wasslu ghas-separazzjoni u l-annulament minn ma' OMISSIS u anke ghall-fatt li l-imputat m'hu akkuzat bl-ebda imputazzjoni marbuta ma' cyber crime jew uzu hazin ta' apparat tal-komunikazzjoni mhux se ttawwal aktar dwar dan il-punt.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentement tilliberah minnhom.

Il-Qorti tordna d-divjet ta′ pubblikazzjoni ta′ ismijiet ta′ OMISSIS, OMISSIS u l-minuri koncernata fi kwalunkwe mezz ta′ komunikazzjoni.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**